## QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Novembru 2016**

**Kawza Nru. 19**
**Citaz. Nru. 297/04 JZM**

**Michaelangelo Cutajar, Maria mart Harold Fiott, Josephine Cutajar, Antonia mart John Camilleri, Joseph Cutajar, Peter Paul Cutajar, Angela mart Nicholas Zammit, Francis Xavier Cutajar, Margaret mart Christopher Borg u Felicia armla minn Peter Cutajar**

***kontra***

**(1) Emanuel Camilleri bin Joseph u Emanuel Camilleri bin John;**

**(2) Innocent u Lawrence ahwa Camilleri;**

***u***

**(3) Nicholas u Saviour ahwa Cutajar**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-27 ta` April 2004 li taqra hekk :-

*Peress illi l-attrici Felicia Cutajar hija l-armla ta` Peter Cutajar.*

*Peress illi l-atturi l-ohra u l-konvenuti Nicholas Cutajar u Saviour Cutajar huma ahwa u huma ulied l-attrici Felicia Cutajar u l-mejjet Peter Cutajar.*

*Peress illi permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Nicola Said ippubblikat fl-24 ta` Settembru 1976 (Dok. A) il-konvenuti Nicholas u Saviour ahwa Cutajar xtraw minghand il-Beneficcju Parrokjali ossia Prebenda tal-Kappillan "pro et tempore" ta` Birzebbuga, l-ghalqa maghrufa bhala "tal-Mentna" jew "Ta` Kappella" fil-kontrada "tal-Mentna" jew "Tas-Sejba" fil-limiti tal-Imqabba tal-kejl superficjali din l-ghalqa ta` cirka hamest itmiem u tlett sighan hafna mkissra ga barrieri u ghadha mharrbta u hofra, tikkonfina mit-tramuntana, mil-lvant u minn nofsinhar ma` toroq pubblici bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha u bhala libera u franka minn pizijiet u dan versu l-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-imsemmi att.*

*Peress illi sa mill-ahhar tas-snin erbghin din l-ghalqa kienet f`idejn l-imsemmi Peter Cutajar b`titolu ta` kera minghand il-Parocca ta` Birzebbuga u kellu dritt li jqatta` l-gebel minnha u juzaha bhala barriera (kif fil-fatt kien jaghmel fil-bidu), jordom fejn ikun qatta u juzaha ghal skopijiet agrikoli jekk ikun hekk irid.*

*Peress illi meta Peter Cutajar, bit-teknologija ezistenti dak iz-zmien, ma setax aktar juza l-ghalqa in kwistjoni bhala barriera, sulloka parti minnha sabiex tintuza bhala ghalqa ghal skopijiet agrikoli biss lill-konvenuti Innocent u Lawrence, ahwa Camilleri u dan kif kellu kull dritt illi jaghmel peress illi nghata permess mill-Parrocca ta` Birzebbuga.*

*Peress illi ghalhekk meta l-konvenuti Nicholas u Saviour ahwa Cutajar xtraw l-istess ghalqa minghand il-Parrocca ta` Birzebbuga kif fuq inghad fl-24 ta` Settembru 1976 l-istess ghalqa kienet suggetta ghall-imsemmija kera favur missierhom Peter Cutajar li da parti tieghu kien issulloka parti minnha lill-konvenuti Innocent u Lawrence ahwa Camilleri sabiex tintuza bhala ghalqa kif fuq inghad.*

*Peress illi permezz ta` skrittura privata datata 9 ta` Marzu 1983 (Dok. B) l-*

*istess Peter Cutajar, inter alia, allegatament ceda a favur ta` l-konvenuti uliedu Nicholas u Saviour, ahwa Cutajar li accettaw u akkwistaw minghandu kull dritt ta` kera u kull dritt iehor illi huwa ghandu fuq l-imsemmija ghalqa versu l-prezz ta` mitejn lira.*

*Peress illi Peter Cutajar miet fit-18 ta` Marzu 1987 u halla warajh lil martu l-attrici Felicia Cutajar u lil uliedu l-atturi l-ohra u z-zewg konvenuti Nicholas Cutajar u Saviour Cutajar.*

*Peress illi l-atturi dejjem ikkonsidraw illi l-ftehim kollu nkorporat fl-imsemmija skrittura privata datata 9 ta` Marzu 1983 huwa null u bla effett u/jew inesistenti ghaliex m`huwiex minnu illi Peter Cutajar iffirma din l-iskrittura u li l-firma ta` Peter Cutajar li tidher fuq l-istess skrittura privata hija falza.*

*Peress illi a bazi ta` dan l-atturi, fit-22 ta` Mejju 1990, intavolaw kawza kontra l-konvenuti Nicholas u Saviour ahwa Cutajar quddiem din il-Qorti fejn talbu, inter alia, illi jigi dikjarat u deciz illi l-ftehim inkorporat fl-istess skrittura privata huwa null u bla effett u/jew inesistenti.*

*Peress illi din il-kawza giet deciza fit-3 ta` Ottubru 2003 (Dok. C) fejn gie dikjarat illi Peter Cutajar ma ffirmax l-iskrittura privata hawn annessa bhala Dokument B datata 9 ta` Marzu 1983 u li l-firma fuq l-istess dokument allegatament ta` Peter Cutajar m`hijiex tieghu. Gie dikjarat ukoll illi l-ftehim inkorporat fl-istess skrittura privata huwa null u bla effett u inesistenti.*

*Peress illi fil-mori ta` l-imsemmija kawza (Citaz. 528/90 DS) u precizament fil-11 ta` Marzu 1991, permezz ta` kuntratt (Dok. D), il-konvenuti Nicholas u Saviour Cutajar bieghu parti mill-ghalqa de quo lill-konvenut Innocent Camilleri u l-parti l-ohra lill-konvenut Lawrence Camilleri u cioe` iz-zewg subinkwilini li ghalihom saret referenza aktar 'il fuq.*

*Peress illi fl-istess kuntratt l-istess konvenuti Innocent Camilleri u Lawrence Camilleri kkostitwew in solidum bejniethom uzufrutt a favur tal-konvenuti Emmanuel Camilleri bin Joseph u Emmanuel Camilleri bin John li accettaw indivizament u ndaqs bejneithom u liema uzufrutt jikkonsisti fid-dritt ghall-perjodu ta` ghoxrin sena mid-data tal-kuntratt ghall-uzu ta` l-ghalqa de quo, ghal kwalunkwe xoghol, inkluz li l-ghalqa tista` tintuza ghall-qtugh ta` gebel bhala barriera.*

*Peress illi l-konvenuti Emmanuel Camilleri bin Joseph u Emmanuel*

*Camilleri bin John hamlu l-ghalqa de quo u permezz ta` teknologija aktar moderna komplew juzawha bhala barriera billi hu possibbli llum illi wiehed jinzel aktar fil-fond.*

*Peress illi l-konvenuti Emmanuel Camilleri bin Joseph u Emmanuel Camilleri bin John gew diversi drabi formalment notifikati li ma jistghux jaghmlu hekk billi wara l-mewt ta` Peter Cutajar id-dritt ghall-qtugh ta` gebel mill-ghalqa de quo ghadda ghand l-atturi u l-konvenuti Nicholas Cutajar u Saviour Cutajar u dan billi l-ftehim tad-9 ta` Marzu 1983 kien null u bla effett u/jew inezistenti kif fuq inghad.*

*Peress illi cio nonostante l-konvenuti Emmanuel Camilleri bin Joseph u Emmanuel Camilleri bin John baqghu jqattghu l-blat u llum tista` tghid li l-blat tqatta` kollu.*

*Peress illi b`rizultat ta` l-agir tal-konvenuti kollha, inkluz l-uzu da parti tal-konvenuti Nicholas u Saviour ahwa Cutajar ta` dokument falz, cioe` Dok. B, u inkluz ukoll il-fatt li l-konvenuti kollha gew diversi drabi formalment avzati li l-istess Dok. B kien falz, l-atturi kollha sofrew u qeghdin isofru danni.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti l-ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m`ghandux minn din il-Qorti :-*

*1. Jigi dikjarat u deciz illi meta Peter Cutajar miet fit-18 ta` Marzu 1987 l-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Mentna" jew "Ta` Kappella" fil-kontrada "Tal-Mentna" jew "Tas-Sejba" fil-limiti ta` l-Imqabba tal-kejl superficjali ta` cirka hamest itmien u tlett sighan fuq imsemmija kienet tappartjeni lill-konvenuti uliedu Nicholas u Saviour ahwa Cutajar u li l-istess ghalqa kienet f`idejn Peter Cutajar b`titolu ta` kera bid-dritt li jqatta` l-gebel minnha u juzaha bhala barriera (kif fil-fatt kien jaghmel fil-bidu), jordom fejn ikun qatta u juzaha ghal skopijiet agrikolu jekk ikun irid kif ukoll kellu d-dritt li jissulloka l-istess ghalqa kif fil-fatt kienet issullokata in parti minnu dakinhar tal-mewt tieghu ghal skopijiet agrikoli biss lill-konvenuti Innocent u Lawrence ahwa Camilleri.*

*2. Jigi dikjarat u deciz illi l-atturi u l-konvenut Nicholas u Saviour Cutajar bhal successuri ta` Peter Cutajar ghadhom jiddetjenu l-ghalqa fuq imsemmija b`titolu ta` kera minghand is-sidien taghha bid-dritt li jqattghu l-gebel minnha u juzawha bhala barriera, jordmu fejn ikunu qattghu u juzawha ghal skopijiet agrikoli jekk ikunu jridu.*

*3. Jigi dikjarat u deciz illi bl-agir tal-konvenuti kollha jew min*

*minnhom li b`rizultar ta` l-istess agir wara l-mewt ta` Pietru Cutajar tqatta u ghadu jitqatta l-blat u l-gebel mill-imsemmija ghalqa li giet u ghadha qieghda tigi uzata bhala barriera l-atturi sofrew u qeghdin isofru danni.*

*4. Jigu likwidati dawn id-danni minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta` perit nominand.*

*5. Jigu l-konvenuti jew min minnhom solidalment ikkundannati jhallsu lill-atturi din is-somma hekk likwidata in linea ta` danni.*

*6. Jigi dikjarat u deciz illi l-konvenuti kollha, anki minhabba l-agir taghhom fuq imsemmi mid-9 ta` Marzu 1983 sa llum, m`ghandhom l-ebda dritt juzaw u jibqghu jokkupaw l-imsemmija ghalqa u per konsegwenza jigu permanentement inibiti milli juzaw l-istess ghalqa u jigu kkundannati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jizgombraw mill-istess ghalqa u l-bini li hemm fuqha u jghadduha lill-attrici.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti prezentata fid-19 ta` Mejju 2004 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament l-atturi kollha jridu jippruvaw li ghandhom relazzjoni guridika mad-decujus Peter Cutajar li tintitolahom jistitwixxu din il-kawza.*

*2. Illi huma qatt ma kienu partijiet f`xi kawza fejn b`xi mod gie ddikjarat null u bla effett il-kuntratt tal-11 ta` Marzu 1991 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri sa fejn jirrigwarda dritt ta` uzufrutt koncess lilhom fuq l-art mertu tal-kawza u ghaldaqstant sakemm dan il-kuntratt jigi espressament imhassar, id-drittijiet ta` l-esponenti jibqghu minghajr mittiefsa skond il-ligi.*

*3. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti m`humiex responsabbli ghal ebda danni ghaliex agixxew f`kull ma ghamlu bis-sahha li ttihom il-ligi u ghalhekk in buona fede.*

*4. Illi sahansitra l-atturi ppruvaw iwaqqfu lill-eccipjenti mit-tgawdija ghad-drittijiet taghhom anki gudizzjarjament permezz ta` rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni liema talba giet michuda mill-Qorti.*

*5. Illi fir-rigward tad-drittijiet li allegatament kellu Peter Cutajar fit-tqattigh tal-blat irid jigi pruvat li l-imsemmi fil-fatt Cutajar kellu dan id-dritt.*

*6. Illi l-atturi, minghajr pregudizzju u indipendentement mill-genwinita` o meno ta` l-iskrittura tad-9 ta` Marzu 1983, iridu jippruvaw b`liema dritt qeghdin jippretendu illi d-dritt ta` kera ta` l-ghalqa in kwistjoni, allura fond agrikolu, ghadda a favur taghhom, wara l-mewt ta` Peter Cutajar.*

*7. Illi t-titolu ta` l-esponenti jemana minghand min fil-konfront ta` terzi kellu titolu reali ta` propjeta` fuq l-ghalqa in kwistjoni u ghalhekk kellu kull dritt jikkoncedi uzufrutt kif fil-fatt sar favur l-esponenti.*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenut Innocent Camilleri prezentata fis-<u>26 ta` Mejju 2004</u> li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok it-talba ghad-danni fil-konfront tal-esponent hija preskritta sew jekk l-atturi qed jitolbu danni akkwiljani sew jekk qed jippretendu danni a bazi ta` kuntratt.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom jipprovaw x`jeddijiet qed jivvantaw fuq ir-raba` mertu ta` din il-kawza u kwindi l-interess guridiku taghhom.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjent huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.*

*Illi l-esponent flimkien ma` huh l-iehor Lawrence Camilleri kienu originarjament akkwistaw cirka nofs ir-raba` in kwistjoni b`titolu ta` qbiela minghand Peter Cutajar li kien huwa stess akkwista bi qbiela l-istess raba` mill-Beneficcju Parokkjali ta` Birzebbuga.*

*Illi sussegwentement il-konvenuti Nicholas u Saviour ahwa Cutajar xtraw dan ir-raba` kollu minghand il-beneficcju Parokkjali ta` Birzebbuga u Peter Cutajar stess kien qal lill-esponent biex jibda jhallas il-qbiela lill-imsemmija ahwa Cutajar.*

*Illi b`kuntratt tal-11 ta` Marzu 1991 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, l-esponent xtara minghand l-imsemmija Nicholas u Saviour ahwa Cutajar porzjoni diviza mill-imsemmija art tal-kejl ta` tlett elef hames mija u ghaxar metri kwadri (3,510m$^2$). Fl-istess kuntratt l-esponent ikkonceda dritt ta` uzufrutt favur il-konvenut Emanuel Camilleri ghal perjodu ta` ghoxrin sena, liema uzufrutt inghata bil-ghan illi jkun jista` jsir qtugh ta` gebel bhala barriera.*

*Illi fid-dawl tal-premess, l-esponent ghandu titolu validu fuq l-imsemmija art li huwa akkwista u f`kull kaz huwa qatt ma qatta gebel mill-art jew barriera in kwistjoni u wisq anqas ippartecipa jew ircieva xi profitti li seta` kien hemm mill-qtugh ta` gebel.*

*4. Illi kwantu ghas-sitt talba, l-esponent ghandu titolu validu fil-ligi bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri tal-11 ta` Marzu 1991 u kwindi din it-talba ma ghandha ebda bazi legali.*

*5. Illi finalment u ghal kull buon fini, f`kaz illi din il-Qorti tilqa` l-ewwel zewg talbiet tal-atturi u jigi deciz li l-eredi ta` Peter Cutajar igawdu minn titolu ta` kera, it-tielet, ir-raba` u hames talbiet huma fil-konfront tal-eccipjenti ghal kollox infondati wkoll billi huwa jigi li ghadu sub inkwilin ta` parti diviza mill-art kif del resto gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta` Frar 1979 fil-kawza fl-ismijiet Camilleri vs Cutajar (Avviz. 197/76) u b`hekk l-ebda dannu ma gie kawzat lill-atturi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Innocent Camilleri u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenut Lawrence Camilleri

prezentata fl-24 ta` Mejju 2004 li taqra hekk –

1. *Preliminarjament l-eccezzjoni ta` preskrizzjoni akkwisittiva ta` l-ghaxar snin, ai termini ta` l-Artiklu 2140 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta), stante li l-art de quo inbieghet libera u franka lill-eccipjent mis-sidien Nicholas u Saviour ahwa Cutajar permezz ta` kuntratt datat 11 ta` Marzu 1991.*

2. *Illi, fil-mertu u minghajr ghal fuq eccepit, l-ewwel u t-tieni talba m`ghandhomx jintlaqghu ghaliex l-atturi ma jgawdu l-ebda titolu ta` kera, kif se jigi muri fit-trattazzjoni tal-kawza.*

3. *Illi, minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, jekk jintlaqghu l-ewwel u t-tieni talba u jigi deciz li l-eredi ta` Peter Cutajar jiddetjenu l-ghalqa b`titolu ta` kera, it-tielet, ir-raba` u l-hames talba m`ghandhomx jintlaqghu fil-konfront ta` l-eccipjent stante li f`dak il-kaz huwa ghadu sub-inkwilin ta` parti diviza mill-art hekk kif deciz mill-Qorti ta` l-Appell f`sentenza tas-7 ta` Frar 1979 fl-ismijiet Camilleri v Cutajar (Avviz 197/76, annessa bhala Dok. LC1) u ghalhekk l-ebda dannu ma gie rreakat minnu lill-atturi.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, lanqas is-sitt talba m`ghandha tintlaqa` fil-konfront ta` l-eccipjent stante li huwa, bhala sid ta` l-art, ikkonceda l-art b`uzufrutt lil Emmanuel Camilleri bin Joseph u Emmanuel Camilleri bin John ghall-perjodu ta` ghoxrin sena permezz tal-kuntratt fuq imsemmi tal-11 ta` Marzu 1991.*

5. *Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Lawrence Camilleri, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati man-nota ta` l-eccezzjonijiet.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Nicholas u Saviour ahwa Cutajar prezentata fis-26 ta` Mejju 2004 li taqra hekk –

1. *Illi in linea preliminari, il-konvenuti ma humiex il-legittimi kontradditturi ghall-azzjoni attrici, u ghalhekk jitolbu li jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju, stante illi, fl-ewwel lok, l-esponenti ghalkemm*

*proprjetarji ghal ftit snin tal-proprjeta` in kwistjoni qatt ma kienu fil-pussess effettiv ta` ossija ghamlu uzu jew hadu xi frott mill-istess proprjeta` ; fit-tieni lok, l-esponenti ma humiex il-proprjetarji attwali tal-proprjeta` in kwistjoni illi, b`kuntratt tal-11 ta` Marzu 1991 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, kienet giet trasferita minnhom favur il-konvenuti Innocent u Lawrence ahwa Camilleri ; u, fit-tielet lok, il-proprjeta` in kwistjoni kienet giet, sa minn qabel l-akkwist tal-esponenti fl-1976, sullokata minn Peter Cutajar (cioe` missier l-atturi u l-eccipjenti a favur l-istess konvenuti Innocent u Lawrence ahwa Camilleri ;*

*2. Illi in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni suesposta, it-talba attrici ghall-hlas ta` danni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 u/jew tal-artikolu 2156(c) tal-Kodici Civili, in kwantu diretta fil-konfront tal-esponenti illi, jerga` jinghad, b`kuntratt tal-11 ta` Marzu 1991 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, kienu ttrasferew il-proprjeta` in kwistjoni favur il-konvenuti Innocent u Lawrence ahwa Camilleri ;*

*3. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti jirrilevaw illi l-gudizzju f`din l-istanza mhux integru billi l-atturi qeghdin jallegaw illi l-missier, Peter Cutajar, kien ilu fil-pussess ta` din il-proprjeta` sa mill-ahhar tas-snin erbghin, b`titolu ta` kera minghand il-Beneficcju Parrokjali ossija Prebenda tal-kappillan "pro tempore" ta` Birzebbuga, illi kien biegh l-istess proprjeta` lill-eccipjenti odjerni permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Nicola Said fl-24 ta` Settembru 1976, "bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha u bhala libera u franka minn pizijiet", u ghalhekk l-istess Beneficcju Parrokjali ghandu, semmai, jissejjah ukoll sabiex iwiegeb ghall-pretensjonijiet attrici f`din l-istanza ;*

*4. Illi in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici u senjatament it-talbiet attrici ghall-hlas ta` danni u ghar-reintegrazzjoni fil-pussess tal-proprjeta` in kwistjoni, huma ghal kollox insostenibbli billi, kif jinghad fl-istess premessi attrici u kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza odjerna, il-proprjeta` in ezami kienet giet sullokata fl-intier taghha mill-istess Peter Cutajar a favur il-konvenuti Innocent u Lawrence ahwa Camilleri. Ghalhekk, semmai, l-atturi jista` jkollhom biss dritt li jircievu hlas ta` kera ossija qbiela, u xejn aktar ;*

*5. Illi, fuq il-meritu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi ma huwiex minnu illi fil-gurnata tal-mewt tieghu fit-18 ta` Marzu 1987, missier l-atturi u l-eccipjenti odjerni kien igawdi xi titolu fuq il-proprjeta` in ezami ;*

*6. Illi, fuq il-meritu wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-*

*talbiet attrici huma daqstant infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi ma huwiex minnu illi l-atturi sofrew xi danni ossia ghandhom xi dritt ta` reintegrazzjoni fil-pussess tal-proprjeta` in ezami, fil-konfront tal-eccipjenti, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza odjerna.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti Nicholas u Saviour Cutajar u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

**Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Mejju 2009 (fol 448 u 449) fejn il-partijiet kollha qablu li din il-Qorti ghandha taghti sentenza parzjali dwar it-talbiet dikjaratorji attrici u cioe` l-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt talbiet, b`dan illi r-raba` u l-hames talbiet jigu decizi skont il-pronunzjament tal-Qorti dwar it-talbiet l-ohra. Fl-istess udjenza, il-partijiet kollha ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu dwar dawk it-talbiet.**

**Rat is-sentenza parzjali li nghatat fil-15 ta` Mejju 2014.**

**Rat illi, wara li kien interpost appell mill-atturi ghal riforma tas-sentenza nterpost mill-atturi, il-Qorti tal-Appell tat sentenza fil-15 ta` Dicembru 2015 fejn in parte kkonfermat, u in parte rrevokat, is-sentenza tal-15 ta` Mejju 2014.**

**Rat illi bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell :-**

**kien milqugha l-ewwel talba limitatament billi kien dikjarat li meta miet Peter Cutajar fit-18 ta` Marzu 1987 l-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Mentna" jew "Tal-Kappella" fil-kontrada "tal-Mentna" jew "Tas-Sejba" fil-limiti tal-Imqabba, tal-kejl superficjali ta` cirka hamest itmiem u tlett sighan fuq imsemmija, kienet tappartjeni lill-konvenuti uliedu Nicholas u Saviour ahwa Cutajar u li l-istess ghalqa kienet ghadha mikrija lil Peter Cutajar ;**

**u**

**kien riservat il-gudizzju dwar il-bqija ta` din l-ewwel talba ghal din il-Qorti tal-ewwel istanza ;**

**kienet milqugha t-tieni talba limitatament billi kien iddikjarat u deciz li l-atturi u l-konvenuti Nicholas u Saviour Cutajar bhala successuri ta` Peter Cutajar ghandhom l-ghalqa fuq imsemmija b`titolu ta` kera minghand is-sidien taghha ;**

**u**

**kien riservat il-gudizzju dwar il-bqija ta` din it-tieni talba ghal din il-Qorti.**

**Inoltre l-atti kienu rinvjati lil din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kawza dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet rimanenti tal-kontendenti fid-dawl ta` dak minnha deciz.**

**Ordnat li l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-konvenuti appellati.**

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta` Jannar 2016 (fol 603 sa 604) fejn din il-Qorti tat direzzjoni lill-partijiet sabiex jittrattaw l-effetti ta` dik is-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-15 ta` Dicembru 2015, in partikolari t-titolu ta` l-inkwilinat, li wara l-mewt ta` Peter Cutajar, ghadda ghand l-eredi tieghu.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet ta` l-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet finali li saru fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2016.

**Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.**

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza fl-ismijiet "*Michaelangelo Cutajar et vs Nicola Cutajar et*" (Citaz. Nru. 528/90 DS).

## II. Provi

**L-attur Joseph Cutajar**ipprezenta x-xiehda tieghu bl-affidavit.

Xehed illi l-atturi (fosthom hu) u l-konvenuti Cutajar hlief ghall-attrici Felicia Cutajar huma ahwa u huma l-ulied tal-istess Felicia Cutajar u zewgha l-mejjet Peter Cutajar.

Xehed illi l-ghalqa maghrufa bhala "tal-Mentna" sive "ta` Kappella" fil-kontrada "ta` Mentna" jew "tas-Sejba" fil-limiti ta` l-Imqabba kienet inghatat bi qbiela mill-Parrocca ta` Birzebbuga lin-nannu tieghu Giuseppe Cutajar, kif jirrizulta mill-ircevuti tal-qbiela tal-ghalqa mill-20 ta` Jannar 1918 sas-7 ta` Marzu 1948.

Ipprezenta dawn l-ircevuti ta` qbiela kif ukoll il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri tat-8 ta` Lulju 1924 li permezz tieghu, il-Parrocca ta` Birzebbuga kkoncediet l-ghalqa in kwistjoni bi qbiela lil Giuseppe Cutajar. Il-kuntratt kien iggedded b`kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Giovanni Vella tat-30 ta` Lulju 1933 u b`kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Vella Galea tas-6 ta` Marzu 1946.

Qal illi wara l-1948, il-qbiela ta` l-ghalqa ghaddiet ghand missieru Peter Cutajar hekk kif jirrizulta mill-ircevuti tal-qbiela ezebiti u datati mis-26 ta` Dicembru 1948 sat-3 ta` Jannar 1976.

Spjega li missieru kellu d-dritt li jqatta` l-gebel minn din l-ghalqa u juzaha bhala barriera, jordom fejn ikun qatta`, u juzaha ghal skopijiet agrikoli jekk ikun irid jaghmel hekk.

Ipprezenta kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Vella tat-28 ta` Jannar 1956 fejn l-ghalqa giet koncessa lil missieru Peter Cutajar ghal tmien snin. Wara dan iz-zmien, l-ghalqa baqghet ghand missieru hekk kif jirrizulta mill-ircevuti li baqghu sejrin sal-1976.

Ipprezenta ittra (Dok JC41) mnejn jirrizulta li missieru kellu d-dritt li juza l-ghalqa sabiex jaqta` l-blat minnha.

Kompla jghid illi bit-teknologija li kienet tezisti dak iz-zmien, missieru ma setax jibqa` juza l-ghalqa bhala barriera u ghalhekk issulloka parti minnha sabiex tintuza bhala ghalqa ghal skopijiet agrikoli biss lill-konvenuti Innocent u Lawrence ahwa Camilleri. Skont il-klawsola 6 tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Vella Galea tat-28 ta` Jannar 1956, missieru kellu d-dritt li jissulloka lil terzi l-ghalqa jew parti minnha bil-kunsens tal-Kappillan Dun Giuseppe Minuti, liema kunsens kien gie moghti.

Spjega illi fil-kawza fl-ismijiet *Vincenzo Camilleri et vs Pietru Cutajar* li giet deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta` Frar 1979, kien deciz illi kienet l-ghalqa kollha li giet imqabbla minn missieru lill-konvenuti Lawrence u Innocent ahwa Camilleri. Fin-nota ta` l-eccezzjonijiet, il-konvenut Innocent

Camilleri jaccetta li flimkien ma` huh Lawrence kisbu nofs ir-raba` in kwistjoni bi qbiela minghand Peter Cutajar. Hu u hutu qatt ma kienu jafu b`din is-sentenza u minkejja l-fatt li nterpellaw lill-konvenuti diversi drabi biex jieqfu mit-tqattiegh tal-blat fl-ghalqa, dawk qatt ma nfurmawhom bis-sentenza, hlief waqt il-kawza tal-lum.

Stqarr illi minkejja s-sentenza, missieru qatt ma qabbel l-ghalqa lill-konvenuti Innocent u Lawrence ahwa Camilleri, bid-dritt li jqattghu gebel minnha, izda qabbel biss ghal skopijiet agrikoli. Spjega li d-dritt tat-tqattiegh tal-blat baqa` biss ta` missieru.

Jiftakar li wara li missieru ssulloka l-ghalqa, missieru kien dahal f` arrangament ma` terza persuna sabiex dan iqatta` l-blat fil-parti ta` l-ghalqa li llum hija fondoq b` xi radam go fiha. Dan l-arrangament kien fis-sens li missieru ghadda dik il-parti tal-ghalqa ghaz-zmien sakemm il-blat jitqatta`. Qal li ghalkemm kien hemm xi dizgwid bejn l-ahwa Camilleri u dik it-terza persuna dwar kwistjonijiet ohra, qatt ma kien hemm problema dwar il-fatt li t-terza persuna kienet qed tqatta` l-blat.

Fisser illi kien hemm drabi meta l-konvenuti Innocent u Lawrence Camilleri hadu persuni ghand missieru bl-iskop li missieru jghaddi d-dritt ta` tqattiegh ta` blat lilhom. Huwa kien prezenti fi tlett okkazjonijiet izda qatt ma kien hemm ftehim. Irrefera ghax-xiehda tieghu fis-seduta tad-9 ta` Jannar 1992 fil-kawza deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta` Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet *Michelangelo Cutajar et vs Nicola Cutajar et.* Irrefera ukoll ghax-xiehda moghtija minn huh Nicholas Cutajar fis-seduta ta` l-20 ta` Frar 2001 fil-kawza fl-ismijiet *Felicia Cutajar et vs Nicholas Cutajar et* li minnha jirrizulta li missieru kien kera l-ghalqa lil Innocent u Lawrence Camilleri sempliciment ghal skopijiet agrikoli.

Qal illi missieru kien ipprezenta rikors quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba` fl-ismijiet *Pietro Cutajar vs Vincenzo Camilleri u Lorenzo Camilleri* fejn talab ir-ripreza tal-pussess tal-porzjoni ta` l-ghalqa illi huwa ssulloka lilhom ai termini ta` l-artikolu 4(2)(f) tal-Att XVI ta` l-1967. Spjega li giet intavolata kawza quddiem il-Qorti Civili tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzira ta` Malta mill-ahwa Lawrence u Innocent Camilleri fl-ismijiet *Vincenzo Camilleri et vs Pietru Cutajar*, liema kawza kienet deciza fid-9 ta` Dicembru 1977 u kkonfermata mill-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta` Frar 1979, fejn l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat jirrilaxxa ricevuta korretta tal-qbiela li huma hallsu ghall-qbiela tas-sena 1976 imhallas bil-quddiem ghaliex il-konvenut missieru kien hareg ricevuta ghall-parti diviza mill-ghalqa mikrija lilhom. Il-kontestazzjoni f` dik il-kawza kienet dwar jekk l-ghalqa kinitx giet imqabbla minn Peter Cutajar fl-intier taghha jew f` parti biss izda f` dik il-kawza, imkien ma kien kontestat mill-ahwa Camilleri li missieru kien

qabbel l-ghalqa lilhom ghal skopijiet ta` koltivazzjoni ta` prodotti agrikoli, kif fil-fatt gie premess fir-rikors li missieru kien intavola quddiem il-Bord.

Irrefera ghax-xiehda moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-25 ta` Mejju 1977 fejn Lawrence Camilleri wera li l-iskop li ghalih inghatat bi qbiela l-ghalqa kien ghal skopijiet agrikoli, u li hu u huh qatt ma uzaw l-ghalqa bhala barriera izda fil-fatt il-fondoq kien jintuza minnhom biss biex jarmu z-zibel. Fl-istess kawza, xehed il-Kappillan Giuseppe Minuti fejn spjega li Peter Cutajar kien qallu li l-ahwa Camilleri jrabbu l-annimali. Saret ukoll referenza ghax-xiehda moghtija minn Carmela Camilleri, mart Lawrence Camilleri, li accettat li huma qatt ma qatghu blat minn dik il-parti tal-ghalqa li hija barriera. Sostna li dan kollu gie kkonfermat minn Vincenzo Camilleri fl-istess kawza. Spjega wkoll li fis-sentenza tad-9 ta` Dicembru 1977 il-Qorti osservat illi l-ahwa Camilleri kienu bnew xi kmamar temporanji ghall-annimali imxerrdin `l hawn u ` hemm fl-ghalqa. Iccita mix-xiehda ta` Vincenzo Camilleri quddiem il-Bord fit-30 ta` Novembru 1973 meta stqarr illi meta tqabblet ir-raba` lilhom, Peter Cutajar kien qalilhom biex jahdmuh u cioe` jizirghu fih il-hxejjex. Anke Doris Camilleri, mart Vincenzo Camilleri, xehdet fil-11 ta` April 1975 illi r-raba` kienu haduh biex irabbu l-bhejjem fih u jahdmu r-raba`. Anke fin-nota ta` l-eccezzjonijiet taghhom, il-konvenuti Emanuel Camilleri bin Joseph u Emanuel Camilleri bin John jirreferu ghall-ghalqa bhala fond agrikolu.

Kompla jixhed illi missieru baqa` jhallas il-qbiela lill-Parrocca ta` Birzebbuga sa l-1976. Imbaghad fl-24 ta` Settembru 1976, permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Nicola Said, il-konvenuti Nicholas u Saviour Cutajar xtraw minghand il-Beneficcju Parrokkjali ossija Prebenda tal-Kappillan pro tempore ta` Birzebbuga l-ghalqa in kwistjoni.

Stqarr illi meta l-ghalqa nxtrat mill-konvenuti ahwa Cutajar, kienet soggetta ghall-kera favur missieru Peter Cutajar, li da parti tieghu kien issulloka parti minnha lill-konvenuti Innocent u Lawrence ahwa Camilleri sabiex tintuza ghal skopijiet agrikoli. Il-konvenuti ahwa Cutajar xtraw l-ghalqa minn wara dahar missieru li sar jaf b` kollox meta mar ihallas il-qbiela lill-Parrocca ta` Birzebbuga u kien nfurmat li l-ghalqa kienet inxtrat mill-konvenuti Cutajar u li l-qbiela kellha tithallas lilhom.

Spjega li qabel miet missieru, l-ahwa Camilleri baqghu jhallsu l-qbiela lil missieru, u wara hallsu lil ommu. Hekk xehed Michelangelo Cutajar fid-9 ta` April 1992 fil-kawza fl-ismijiet *Michelangelo Cutajar et vs Nicola Cutajar et.* L-istess xehed Innocent Camilleri fl-istess kawza fis-seduta tas-7 ta` Frar 1995. L-istess xehed Lawrence Camilleri fl-istess kawza fis-seduta tas-6 ta` Marzu 1996.

Stqarr li missieru miet fit-18 ta` Marzu 1987. Ftit wara li miet, l-atturi

saru jafu bi skrittura tad-9 ta` Marzu 1983 fejn missieru allegatament ceda favur il-konvenuti Nicholas u Saviour Cutajar kull dritt ta` kera u kull dritt iehor li huwa kellu fuq l-ghalqa ghall-prezz ta` Lm 200. Fit-22 ta` Mejju 1990, huwa, flimkien ma` hutu l-atturi u ommu, ghamlu kawza kontra Nicholas u Saviour Cutajar fejn talbu jigi dikjarat li missieru ma kienx iffirma dik l-iskrittura u li l-ftehim kien null. Il-kawza kienet deciza fit-3 ta` Ottubru 2003 bil-Qorti tiddikjara li missieru ma ffirmax l-iskrittura u li l-ftehim kien null u bla effett.

Kompla jixhed illi fil-11 ta` Marzu 1991, sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri fejn il-konvenuti Nicholas u Saviour Cutajar bieghu parti mill-ghalqa lil Lawrence Camilleri tal-kejl ta` 3,510 metri kwadri flimkien mar-razzett bla numru li jinsab fl-istess ghalqa u parti ohra ta` circa 3510 metri kwadri lil Innocent Camilleri inkluz garaxx bla numru li jinsab fl-ghalqa. Ix-xerrejja kienu l-istess subinkwilini. Bl-istess kuntratt il-konvenuti Innocent u Lawrence Camilleri holqu solidament bejniethom uzufrutt a favur tal-konvenuti Emanuel Camilleri bin Joseph u Emanuel Camilleri bin John liema uzufrutt kien jikkonsisti fid-dritt ghall-perijodu ta` ghoxrin (20) sena mid-data ta` l-istess kuntratt ghall-uzu ta` l-ghalqa in kwistjoni ghal kwalunkwe xoghol, inkluz li l-ghalqa tkun tista` tintuza ghall-qtugh ta` gebel bhala barriera.

Fisser illi l-konvenuti Emanuel Camilleri bin Joseph u Emanuel Camilleri bin John hammlu l-ghalqa in kwistjoni u permezz ta` teknologija aktar moderna, nizlu iktar fil-fond u kienu qeghdin juzaw l-ghalqa bhala barriera. L-atturi kienu talbu lil dawn Camilleri biex jieqfu peress li wara l-mewt ta` missieru, id-dritt ghall-qtugh tal-gebel ghadda ghandhom. Fis-17 ta` Lulju 1991, hu u hutu ghamlu rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-konvenuti sabiex jigu inibiti milli jhammlu u jqattghu l-gebel mill-ghalqa sakemm tigi deciza l-kawza dwar l-iskrittura tad-9 ta` Marzu 1983. Sar rikors iehor ghall-istess skop. Fil-5 ta` Frar 2004, l-atturi ghamlu protest kontra l-konvenuti sabiex dawn jirrispettaw l-istat ta` fatt illi l-ghalqa kienet imqabbla lill-atturi kif ukoll lil Nicholas u Saviour Cutajar, u sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta` danni. Minkejja dan kollu, Emanuel Camilleri bin Joseph u Emanuel Camilleri bin John baqghu jqattghu l-blat, u llum il-blat tqatta` kollu.

Qal illi waqt li kienet ghaddejja l-kawza l-ohra, hu u huh Michelangelo avvicinawt lil Emanuel Camilleri bin Joseph u Emanuel Camilleri bin John ghaliex indunaw li kienu qed iqattghu l-blat. Qalulhom bil-kawza kontra Nicholas u Saviour Cutajar u avzawhom biex ma jkomplux iqattghu. Camilleri qalulu li ma kienux jafu b'li kienu ghamlu Nicholas u Saviour Cutajar u li ma riedux jidhlu f'inkwiet ghax kienu nefqu hafna flus.

Sostna li l-atturi garrbu d-danni.

Fil-**kontroezami**, xehed illi l-konvenuti hutu xtraw ir-raba` qam dizgwid kbir ma` missieru. Missieru kien ipprova jhallas il-qbiela izda dawn irrifjutaw ; ghalhekk kellu jsir depozitu l-qorti. Il-konvenuti hutu qatt ma qattghu blat jew b`xi mod okkupaw din ir-raba`.

Stqarr illi Lawrence u Innocent Camilleri kellhom id-dritt jahdmu t-trab. Cahad li missieru kellu xi art ohra fl-istess inhawi. Sostna li minkejja li jippretendi li ghandu qbiela, huwa qatt ma ddepozita l-qbiela l-qorti. Ikkonferma li huwa ma jiftakarx lil missieru jqatta` l-blat.

**L-attur Francis Cutajar** ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-kontenut ta` l-affidavit ta` huh Joseph Cutajar.

Ipprezenta xi atti.

**L-attur Peter Paul Cutajar** xehed illi missieru ghamel xi erbghin (40) sena jkisser fl-ghalqa. Imbaghad witta bicciet minnha bil-hamrija u qabbilha lil Lawrence u Innocent Camilleri. Ikkonferma li missieru kera r-raba` biex Camilleri jahdmu l-hamrija izda ma kienx tahom il-fakolta` li jqattghu l-blat peress li zamm dak id-dritt ghalih. Missieru kien ihallas Lm 25 fis-sena minhabba li kien iqatta` l-blat, mentri Camilleri kienu jhallsu anqas xi Lm 12 jew Lm 14 lil missieru. Waqt li kienu qed jokkupaw l-art, Camilleri qatt ma qattghu blat.

Stqarr li missieru kien ceda barriera minn din l-art lil certu wiehed maghruf bhala "*il-Papocca*" illum mejjet u tah dritt li jkisser din il-barriera partikolari li kien cedielu bl-iskop li wara li titkisser, il-hofra terga` tigi ghand missieru. Spjega li dan kien kisser il-blat waqt li l-qbiela kienet ghand Camilleri. Spjega li din il-barriera tqattghet sakemm ma kienx baqa` blat. Missieru kien iqattaghha bil-baqqun izda dan "*il-Papocca*" kien qattaghha bil-magni.

Sostna li Camilleri kienu talbu lil missieru biex icedi lil terzi halli jqattghu l-blat u kienu in fatti gabu xi terzi quddiem missieru. Madanakollu, missieru qatt ma rranga maghhom u dejjem zamm id-dritt sa l-ahhar. Spjega li meta Saviour u Nicholas Cutajar xtraw l-ghalqa minghand il-Knisja, missieru kien offrielhom il-qbiela izda dawn ma accettawhiex u Camilleri baqghu jhallsu lil missieru sakemm miet u lil ommu wara l-mewt ta` missieru. Spjega li huma kienu kkontestaw l-iskrittura li fuqha allegatament kien hemm firma ta` missieru li ceda l-blat lil Nicholas u Saviour.

**L-attrici Felicia Cutajar** ipprezentat affidavit.

Xehdet li Peter Cutajar kien zewgha.

Fissret illi zewgha kien iqatta` l-blat mill-ghalqa maghrufa bhala "tal-Mentna" sive "ta` Kappella" fil-kontrada "tal-Mentna" jew "tas-Sejba" fil-limiti ta` l-Imqabba kemm qabel kif ukoll wara li zzewwgu u meta kellhom it-tfal. Zewgha kienu imur fl-ghalqa ma` missieru anke meta kien ghadu guvni. Meta missieru rtira, huwa kompla jqatta` l-blat. Kien iqatta` l-blat bl-ghodda mhux bl-ingenji. Meta kiber fl-eta` waqaf iqatta` l-blat u kien issulloka r-raba` lil zewg persuni li isimhom ma tafux. Dawn baqghu jhallsu l-qbiela lil zewgha sakemm miet. Wara li zewgha miet, kien gew ihallsu lilha l-qbiela f`okkazjoni wahda.

Fil-**kontroezami** xehdet li hija taf li isimha huwa mnizzel fil-kawza izda hija thobb lil uliedha kollha. Ikkonfermat li din il-kawza saret kontra zewg uliedha. Dejjem qalet lil uliedha biex jirrangaw mill-ahjar li jistghu. Ma tiftakarx wara kemm zmien zewgha waqaf iqatta` l-blat. Tghid li ma tfisser il-kelma "*ssulloka*" u li ma tafx jekk wara li r-raba` nghatat lil dawk iz-zewg persuni, zewgha baqax imur hemmhekk. Zewgha gieli zera` l-ghalqa. Ma kenitx tindahal fl-affarijiet u fid-decizjonijiet tieghu.

Ikkonfermat li kienet sar taf li l-ghalqa kienet inxtrat minn uliedha Salvu u Nikola. Dejjem insistiet li ahjar ikun hemm l-ghaqda bejn l-ahwa. Ma tafx min kienu l-persuni li uzaw l-ghalqa peress li din kienet imbeghda. Jerga` hija kienet minn Ghawdex u ma kienet taf lil hadd. Zewgha gieli ha xi tfal mieghu fl-ghalqa, izda t-tfal qatt ma hadmu fil-barriera. Ma tafx kemm kien ihallas qbiela peress li l-flus kienu jkunu ghandu. Quddiemha, zewgha u uliedha qatt ma iffirmaw xejn.

**L-attrici Maria Fiott** xehdet li hija l-kbira fost l-ahwa.

Tixhed illi ghalkemm kienet ghadha zghira, tiftakar lil missierha sejjer fil-barriera jaqta` l-blat mill-ghalqa in kwistjoni. It-tqattigh kien isir bl-imterqa, bil-baqqun u bl-ispnajjar, ghodda li kienu jinzammu go kamra fil-barriera li missierha kien isejhilha "guva".

Xehdet illi meta missierha ma kompliex iqatta` blat, huwa beda jahdem ir-raba` u kien imbaghad issulloka l-ghalqa lill-konvenuti Wenzu u Innocent Camilleri biss sabiex jahdmu r-raba` u juzaw ir-razzett. Dawn kienu jhallsu Lm 14 fis-sena. Missierha kien ihallas Lm 25 qbiela fis-sena fix-xahar ta` Jannar. Camilleri kienu jhallsu l-qbiela qrib il-festa ta` Santa Marija.

Tghid illi dejjem kienet tisma` lil missierha jghid li l-barriera kienet ghadha taghhom u dan anke fiz-zmien li Camilleri kienu jahdmu l-ghalqa. Tant kien jinsisti li l-barriera kienet ghadhom mqabbla lilu, illi meta sar jaf li uliedu Salvu u Nikola kienu xtraw l-ghalqa minghand il-Parrocca ta` B`Bugia minn wara dahru, inqala` hafna inkwiet. Spjegat li missierha sar jaf bil-bejgh ta` l-ghalqa meta mar ihallas il-qbiela u l-kappillan infurmah li l-qbiela kellha tithallas lil uliedu. Missierha qatt ma ffirma ftehim fejn ghadda lil Salvu u Nikola kwalunkwe dritt li huwa kellu fuq l-ghalqa.

**L-attur Michelangelo Cutajar** xehed li huwa twieled fis-17 ta` Ottubru 1961.

Qal illi ma jiftakarx lil missieru jahdem l-art. Il-bidwi li kien jahdem l-art kien Lawrence Camilleri. Missieru ta l-art lil Camilleri bil-kunsens tal-Kappillan ta` B`Bugia biex dawn jahdmu l-hamrija. L-ahwa Camilleri baqghu jhallsu lil missieru sal-mewt, u sa sena wara gew ihallsu lil ommu.

Qal illi missieru ried ihallas il-qbiela tal-ghalqa lil Salvu u Nikola wara li dawn xtraw l-ghalqa izda dawn irrifjutaw u ghalhekk sar depositu tal-qbiela fil-qorti. Spjega li huwa qatt ma ddepozita jew hallas qbiela sal-lum.

Xehed illi hu qatt ma ra lil Salvu jew Nikola jahdmu din ir-raba`.

Fil-**kontroezami**, xehed illi huwa jiftakar ir-razzett li kien hemm fuq il-parti ta` fuq ta` l-ghalqa. Missieru kellu "guva" fuq il-parti ta` isfel tal-ghalqa. Huwa qatt ma sema` lil missieru jghid li fil-"guva" kienu jitrabbew majjali. Missieru kien jghid li ghandu dritt jaqta` l-blat. Missieru kien ihajjru biex ikompli jkisser il-blat hu peress li huwa kien jahdem fil-barriera ta` magenb l-ghalqa.

**Il-konvenut Lawrence Camilleri** xehed li huwa kien ilu familjari ma` dak ir-raba` ghal 41 sena. Huwa

Ighid illi huwa kien bil-majjali u talab lil Peter Cutajar biex icedilu r-razzett bir-raba` b`kollox. Marru ghand il-Kappillan ta` Birzebbuga u gab mieghu lil Nicholas u Saviour u sar ftehim quddiem il-Kappillan sabiex Peter Cutajar icedi kollox. Sar ktieb tal-kera fejn kienu jhallsu Lm 14. Il-ktieb qieghed ghand huh. Fil-bidu l-kera bdiet tithallas lill-Kappillan u mbaghad Peter Cutajar qalilhom jekk ridux jaghtu l-kera lilu biex hu jghaddiha lill-Kappillan. Huma

accettaw li jsir hekk. Huma kienu juzaw ir-raba` ghall-majjali u qatt ma qattghu blat minnha. Fil-parti li kienet hondoq, huma kienu jwaddbu l-iskart u l-hmieg tal-majjali.

Cahad li qatt hadu lil terzi persuni ghand Peter Cutajar sabiex dan icedi l-blat. Huwa spjega li lilhom kien qabblilhom kollox. Wara li xtraw ir-raba` Nicholas u Saviour Cutajar, huwa beda jhallas il-qbiela lilhom skont kif kien qalilhom Peter Cutajar. Meta miet Peter Cutajar, huma baqghu jhallsu lil Saviour u Nicholas Cutajar sakemm huwa u huh xtraw ir-raba` minghandhom. Meta xtrawha, huma bieghu l-blat biss lill-konvenuti l-ohra Camilleri. Meta bieghu, huma kinux jafu li kien hemm kawza dwar dak ir-raba`.

Spjega li meta l-familja tieghu kienu jahdmu l-ghalqa kien hemm razzett. Fl-ghalqa kien hemm ir-raba` u barriera.

Qal illi hu u huh xtraw ir-raba` fil-11 ta` Marzu 1991. Fuq il-kuntratt ghamlu ftehim ma` zewg kugini t-tnejn bl-isem Emanuel Camilleri dwar tqattigh ta` blat mill-art in kwistjoni. L-art inghatat lil Camilleri ghal perijodu ta` ghoxrin sena b` uzufrutt li kien jinkludi dritt ta` tqattigh ta` blat.

Ighid illi safejn jiftakar hu, dejjem jaf li meta l-art kienet ghand Pietru Cutajar, dejjem inhadmet bhala art agrikola. Qatt ma jiftakar lil Pietru Cutajar iqatta` xi blat.

Xehed illi hu u huh qatt ma qattghu blat mir-raba` u kienu biss juzaw ir-raba` u r-razzett li kien hemm fiha ghall-majjali. Kienu anke bnew xi kmamar minhabba l-majjali. Parti mir-raba` kien fondoq, ghax kienet barriera abbandunata.

Qal illi meta dahlu fir-raba`, ma kien hemm hadd iqatta` l-gebel u kien ilu snin shah ma jkun hemm tqattiegh ta` blat.

Spjega li ghall-ewwel ghaxar snin, ma kienx hemm problemi izda mbaghad inqalghu problemi ma` Pietru Cutajar. Dan ghamel kawza quddiem il-Bord dwar il-Kiri tar-Raba` u pprova jiehu l-art bl-iskuza illi kienu bnew kmamar ta` l-annimali minghajr il-permess tieghu. Il-kawza kienet deciza favur taghhom.

Qal illi wara dan, Cutajar holoq problema ohra. Magenb ir-raba` kien hemm barriera mahduma minn certu Toni Spiteri maghruf bhala "*il-Papocca*".

Cutajar qallu biex jibda jarmi l-iskart u l-gebel hazin fil-hofra. Imbaghad fis-snin sebghin, Cutajar beda jinsisti li l-art imqabbla lilhom ma kinitx tinkludi r-raba` kollha u li huma kellhom imqabbla biss il-parti li fiha l-hamrija u mhux il-fondoq fejn kein hemm il-blat. Cutajar kien qed jipprova jiehu lura l-hofra li fiz-zmien kien jahdem missieru. Huma rrifjutaw u ghalhekk ghamlu kawza sabiex Cutajar johrogilhom ircevuta korretta li turi li huma kienu jhallsu l-qbiela ta` l-art kollha inkluz fejn kien hemm il-blat. Il-Qorti tat sentenza favur taghhom fis-sens illi l-qbiela taghhom kienet tinkludi kollox u cioe` l-art kollha kompriza, l-ghalqa, il-blat u l-fondoq accessibbli mir-rampa.

Xehed li sena minnhom ghall-habta tas-snin tmenin, hu u huh marru jhallsu lil Pietru Cutajar u dan kien qalilhom li ma ghandu xejn x` jaqsam mar-raba` ghax ir-raba` kienu xtrawha uliedu Kola u Salvu. Huma bdew ihallsu lil dawn u ghalhekk sar ktieb tal-kera gdid ma` Kola u Salvu. Insista li z-zewg kotba tal-kera, ossija dak ta` ma` Pietru Cutajar u dak ta` ma` Kola u Salvu, kienu gew moghtija lill-kugini Camilleri wara li ffirmaw il-kuntratt ta` 1991.

Spjega li huma kienu ddecidew li jixtru l-ghalqa u tkellmu ma` Kola u Salvu li kienu accettaw li jbieghu l-art. Sar konvenju ghand in-Nutar Tonio Spiteri u wara li saru r-ricerki, sar il-kuntratt. Fil-kuntratt kien miftiehem uzufrutt bl-iskop li dawn ikomplu jhaffru l-barriera. Il-ftehim ma` Camilleri kellu jaghlaq fl-2011.

Fil-**kontroezami**, stqarr illi fil-kuntratt kien inbiegh il-blat. Fl-ghalqa ma kienx hemm kmamar fejn Peter Cutajar kien izomm l-ghodda. Dan ma kienx jidhol fl-ghalqa u ma kien izomm xejn hemm. Malli r-raba` tqabbel lilhom, Peter Cutajar ma baqax jidhol fir-raba`.

**Il-konvenut Innocent Camilleri** kkorrabora d-deposizzjoni ta` Lawrence Camilleri.

B`zieda ma` li xehed Lawrence Camilleri, stqarr illi l-ktieb tal-kera ma kienx ghadu ghandhom ghax kienu tawh lil dawk li kienu xtraw il-blat minghand Saviour u Nicholas Cutajar u ma regax inghata lura lilhom.

Qal illi huwa ma ghandux ricevuti li kienu jhallsu lil Saviour u Nicholas Cutajar.

Sahaq illi huma hadu r-raba` kollu. Mir-raba` kien hemm sebat itmiem li kollha kienu jinhadmu. Kien hemm bicca rampa li kien jinzel biha u din ir-rampa kienet tinzel `l isfel fil-fond. Bdew xi kmamar ghall-bhejjem.

Qal illi kien hemm zewg kotba tal-qbiela li nghataw lil tal-barrieri. Wiehed mill-kotba kien ghaz-zmien meta kien hemm Peter Cutajar u iehor ghal meta kien hemm Saviour u Nicholas Cutajar. Dawn tal-ahhar kienu baghtulhom l-kuntratt biex jinfurmawhom li kellhom ihallsu lilhom. Ippreciza li huwa kien jahdem nofs ir-raba` u huh kien jahdem in-nofs l-iehor.

Stqarr illi l-art kienet kollha barriera izda twittiet bil-hamrija sabiex tkun tista` tintuza ghal skopijiet ta` biedja hlief ghal parti minnha li thalliet bhala barriera.

Spjega li hu u huh Wenzu ma jahdmux fil-barrieri izda saru jafu lil tnejn bl-isem ta` Emanuel Camilleri mill-Maghtab li kienu armati bl-ingenji ghal dan in-negozju u kienu nteressati li jaqtghu blat mir-raba`. Sar kuntratt f`Marzu 1991 fejn huma xtraw l-art minghand Kola u Salvu Cutajar, imbaghad taw lil tal-Maghtab id-dritt li jqattghu l-blat ghal ghoxrin sena.

Qal li meta hadu l-art minghand Pietru Cutajar huma hadu kollox u ma kienx issemma li Cutajar kien qieghed izomm xi dritt li jqatta` l-blat minn dik l-art.

**<u>Doris Camilleri</u>** xehdet illi hija tigi mart Innocent Camilleri.

Xehdet illi fil-bidu tas-snin sittin, zewgha u huh hadu l-art in kwistjoni b` kera fejn hemmhekk kienu jrabbu l-majjali. L-art tafha tajjeb ghax kienet tmur tghin lil zewgha. Xehdet li meta ttiehdet din l-art, din l-art ma kinitx tintuza ghat-tqattigh tal-blat. Pietru Cutajar kien mela parti mill-art bil-hamrija waqt li parti ohra ta` fond ta` xi ghaxar sulari kienet thalliet imhaffra u abbandunata. Wara li hadu l-art, zewgha u huh kienu jmorru jhallsu l-kera lill-Kappillan Minuti ta` Birzebbuga izda mbaghad bdew ihallsu lil Pietru Cutajar. Fis-snin sebghin, inqala` l-inkwiet ma` Pietru Cutajar ghax dan ried ikeccihom mill-ghalqa billi kienu nbnew xi kmamar. Imbaghad Pietru Cutajar beda jghid illi huwa kien ta bi qbiela l-parti fejn kien hemm il-hamrija biss u ma riedx jibqa` johrog ircevuta korretta li turi illi l-art kollha kienet mikrija lil zewgha u lil huh.

Tghid li tiftakar li zewgha u huh kienu rrabbjati wkoll minhabba li Toni Spiteri kien beda jarmi l-iskart tal-gebel fil-fondoq mikri lil zewgha u lil huh Wenzu.

Fissret li darba minnhom, marru d-dar taghhom Kola u Salvu Cutjar u

qalu lil zewgha li kienu xtraw ir-raba`. Dawn ma kinux urewhom l-ebda kuntratt u ghalhekk huma kienu marru jhallsu l-qbiela lil Pietru Cutajar u dan kien ikkonferma li ma ghadx ghandu x` jaqsam ma` l-art. Zewgha u huh baqghu jhallsu lil Kola u Salvu Cutajar l-qbiela dovuta sakemm imbaghad xtraw l-ghalqa fl-1991.

**Il-konvenut Emanuel Camilleri iben John** xehed li huwa flimkien ma` Emanuel il-konvenut Camilleri l-iehor xtraw ghalqa biex iqattghu l-blat fl-1991. Bdew iqattghu xi sentejn wara. Dak iz-zmien, huma ma kinux jafu li kien hemm l-inkwiet bejn l-ahwa Cutajar. Kienu ghamlu konvenju ghal disa` xhur u kien biss meta bdew hammlu li Cutajar kellmuhom. Marru ghand in-nutar biex jiccekkjaw u komplew iqattghu l-blat. Waqfu jqattghu meta kienx fadal x` jitqatta`. Spjega li kienu rcivew xi karti mill-qorti biex jieqfu jqattghu.

Fil-**kontroezami**, spjega li huwa kien ihallas il-qbiela lil Camilleri u kien ihallsu ta` kamra u ta` raba` li qeghdin fuq art li tmiss mal-barriera. Fuq il-barriera nfisha huwa qatt ma hallas qbiela. Meta akkwista l-ghalqa, din kienet tinhadem in parti. Sabu hafna terrapien u kellhom jinzlu hafna sakemm sabu l-blat. Billi -barriera kienet intradmet, nehhew il-hamrija u t-terrapien sakemm waslu ghall-wicc tal-blat. Kien hemm tlett sulari terrapien. Meta sabu l-blat, huma regghu nizlu `l isfel ghax sabu sitt filati gebel soll u dan kellu jintrema. Imbaghad nizlu sitt filati `l isfel mill-hamrija biex sabu l-blat. Il-blat li nstab ma kienx lixx izda kienu sulari differenti. Spjega li llum l-ghalqa hija hofra.

**Il-konvenut Emanuel Camilleri bin Joseph** ikkonferma d-deposizzjoni tal-konvenut Emanuel Camilleri l-iehor.

**Il-konvenut Saviour Cutajar** xehed li l-ghalqa ma kinitx titqatta` ghall-blat meta kienet ghand missieru. Lawrence u Innocent Camilleri kienu talbu l-ghalqa lil missieru u dan qalilhom li din kienet tal-Kappillan ta` Birzebbuga. Huwa mar ma` missieru u huh Nicholas flimkien ma` Lawrence u Innocent Camilleri ghand il-Kappillan u cedielhom l-ghalqa.

Spjega li missieru kien imur isaqqi l-gnien tal-Kappillan u kien ftiehem mieghu li huwa jibqa` jimur ghandu bil-kera ta` Lawrence u Innocent Camilleri.

Qal li saret skrittura fis-sens li missieru ma kienx ghad kellu x` jaqsam izjed ma` dak ir-raba` u li kien ser igiblu l-qbiela wara li jigborha minghand Camilleri. Kienu ghamlu pitazz zghir ; mhux eskluz li dan il-pitazz qieghed ghand Camilleri.

Spjega li Innocent u Lawrence Camilleri kienu bnew xi kmamar fir-raba` u kienu juzawha bhala ghalqa. Sostna li dawn qatt ma qattghu blat minn din ir-raba`. Spjega li imbaghad missieru fettillu li jghid lill-Kappillan biex ikecci lil Camilleri biex jerga` jidhol fiha huwa. Missieru kien kellem lil Camilleri izda dawni ghamluha cara li ma riduhx gor-raba`. Missieru ftiehem mal-Kappillan biex dan jaghtih l-istess art bi qbiela ghall-blat. Il-Kappillan kien ghamillu ktieb lil missieru u dan meta l-art kienet imqabbla lil Camilleri b` kuntratt. Dan sar biex missieru jfittex lil Camilleri u jkeccihom minn hemm. Fil-fatt saret kawza.

Stqarr illi meta hu u huh Kola xtraw l-ghalqa, Camilleri bdew ihallsu l-qbiela lilhom.

Xehed li l-ghalqa in kwistjoni kienet ilha ghand il-familja taghhom sa mill-bidu tas-seklu ghoxrin peress li qabel kienet imqabbla lin-nannu Giuseppi Cutajar, li ghadda l-qbiela lil missieru Peter Cutajar. L-ahhar kuntratt li ffirma Giuseppi Cutajar kien dak tas-6 ta` Marzu 1946 izda f` dan il-kuntratt jidher car li l-ghalqa kienet gia` imhaffra billi l-istess kuntratt ma kienx jaghti dritt li jitkisser blat. Skont il-klawsola 3 tal-kuntratt, l-ghalqa inghatat bil-patt li fejn hu imkisser, Giuseppi Cutajar ghandu jwittih biex ikun jista` jinhadem bl-eccezzjoni tal-ahhar barriera li ma kellhiex titwitta. Dan il-kuntratt huwa differenti minn dak ta` qablu datat 30 ta` Lulju 1933 fejn Cutajar kellu l-permess li jaqta` l-blat ghall-gwadann u uzu tieghu minghajr l-obbligu li jwitti l-ghalqa. Kien matul iz-zmien tal-kuntratt tas-6 ta` Marzu 1946, li n-nannu tieghu ghadda l-qbiela lil missieru kif jidher car mill-fatt li l-ahhar ircevuta fl-isem tan-nannu kienet ghaz-zmien li ghalaq fil-25 ta` Dicembru 1947 filwaqt li l-ircevuta ghas-sena ta` wara nharget fuq isem missieru.

Qal illi meta skada l-kuntratt tal-1946, sar kuntratt iehor bejn missieru u l-Kappillan fit-28 ta` Jannar 1956. Missieru ma kellux dritt li jaqta` l-blat peress li l-klawsola numru 3 baqghet l-istess. L-uniku parti ta` dak il-kuntratt fejn jissemma tqattiegh ta` blat hija klawsola 5 fejn missieru nghata dritt li matul iz-zmien kollu ta` din il-lokazzjoni li jisserva mill-passagg ezistenti fl-ghalqa biex igorr blat maqtugh minn barrieri vicini. Spjega li appogg ma` l-ghalqa kien hemm barriera ohra li kienet ghadha qed titqatta` dak iz-zmien minn haddiehor u missieru inghata d-dritt li jaghti permess lil terzi biex juzaw il-passagg biex itellghu l-blat maqtugh minn gol-barriera taghhom ghal got-triq. Wara dak il-kuntratt, ma sar l-ebda kuntratt iehor.

Ighid li huwa twieled fl-1952 u huh Kola twieled fl-1954.

Stqarr illi huwa flimkien ma` huh Nicholas u hutu l-bniet Mary u Josephine kienu jmorru fir-raba` jaraw lil missierhom jahdimha. Kienu jaqtghu ful, tin u gheneb u kienu jirghu l-merhla tan-nghag tal-familja. Kienu jimxu bil-

merhla sal-Imqabba fejn kien hemm l-ghalqa. Qatt ma ra lil missieru jaqta` l-blat mill-ghalqa izda jiftakar il-barriera ta` hdejhom kienet tinhadem minn Toni Spiteri imlaqqam *`il-Papocca*" itella` l-gebel mill-moghdija msemmija fil-kuntratt. L-ghalqa ta` missieru kienet tinhadem kollha hlief ghall-passagg li kien wiesa` daqs trakk tal-militar li kien jintuza minn Spiteri biex itella` l-gebel, liema passagg kien jispicca fil-parti mill-ghalqa ta` missieru li kienet baqghet hofra.

Spjega li meta kien wasal biex jiskadi l-kuntratt tal-1956, l-ahwa Innocent u Lawrence Camilleri talbu lil missieru biex iqabblilhom l-ghalqa. Missieru kien infurmahom li l-ghalqa kienet tal-Parrocca ta` Birzebbuga u offra li jehodhom ghand il-Kappillan biex icedilhom il-qbiela. Dak iz-zmien, missieru ma kellux bzonn ir-raba` ghaliex kellu difa disat itmiem razzet is-Siggiewi, xi sitt itmiem fil-wied tas-Siggiewi u xi tomnejn ohra ta` mad-dar fejn kienu joqghodu li kienu lkoll bla qbiela u liberi u franki. L-ghalqa kienet l-Imqabba u ghalhekk kienet `il boghod biex imorru bil-mixi ghaliha. Ghalhekk huwa kien qal li ma kellux bzonn din ir-raba`.

Fisser li meta missieru u l-ahwa Camilleri marru ghand il-Kappillan, huwa u huh Nicholas kienu prezenti. Missieru qal lill-Kappillan li kien ser icedi l-ghalqa u kienu ser jidhlu floku l-ahwa Camilleri. Il-Kappillan kien staqsih x` kien fettillu ha jcedi r-raba` u missieru donnu hass ghal dan il-kumment u kien issuggerixxa li jibqa` jigbor il-qbiela tal-ghalqa minghand l-ahwa Camilleri u jmur biha ihallas lill-Kappillan. Camilleri accettaw u ftehmu bil-kunsens tal-Kappillan li missieru jcedi l-qbiela lil Camilleri li kellhom ihallsu l-istess rata ta` Lm 14 qbiela fis-sena lil missieru biex dawn jghaddihom lil Kappillan. Dakinhar missieru ghadda l-muftieh tar-razzett li kien hemm fl-ghalqa lill-ahwa Camilleri.

Xehed li minn dakinhar `il quddiem, hu u missieru ma baqghux imorru fl-ghalqa ghalkemm gieli l-Hadd kienu jmorru ghal xi passiggjata u jghaddu minn hemm. Ghall-ewwel l-ahwa Camilleri kienu jiehdu l-qbiela lil missieru u kienu jwassluh biha ghand il-Kappillan u missieru kien jiehu lil Nicholas u lilu sabiex kienu joqghodu jsaqqu s-sigar u xtieli li kellu l-Kappillan. Spjega li kienu qishom tal-familja mal-Kappillan.

Kompla jghid illi wara li ghaddew xi 13-il sena minn mindu missieru ceda l-ghalqa, missieru kien rega` talab lill-Kappillan biex jerga` jqabbillu l-ghalqa. Il-Kappillan kien wiegbu li l-qbiela kienet f` idejn l-ahwa Camilleri izda missieru kien baqa` jinsisti li r-raba` titqabbel lilu halli jiehu hsieb johrog lil Camilleri mill-ghalqa. Dan kien fiz-zmien meta missieru nduna li fil-barriera ta` hdejn l-ghalqa li kienet ghadha ta` Toni Spiteri, kien baqa` niezel u taht il-gebla hazina maghrufa bhala tas-soll, kien rega` sab gebla tajba biex iqattaghha. Kien ukoll fi zmien meta kienu bdew jintuzaw ingenji ghat-tqattiegh.

Qal illi missieru kien innota li l-ahwa Camilleri kienu bnew xi kmamar ghall-bhejjem fil-parti fejn kien hemm il-hofra tal-barriera u ghalhekk haseb li din kienet okkazjoni tajba sabiex ikeccihom. Il-Kappillan accetta u kienu qattghu l-ahhar ftit snin ta` rcevuti ta` qbiela li kien hemm u saru rcevuti godda b` zieda fil-qbiela minn Lm 14 ghal Lm 25 b` effett minn Jannar 1972 u bi dritt li l-ghalqa terga` tintuza bhala barriera ghal blat. Mhux cert ghal liema snin kienu jirreferu dawn l-ircevuti izda jiftakar li kien hemm aktar minn rcevuta wahda u kienu anke uzaw xi bolol qodma fuq xi whud mill-ircevuti. Ma kinux ghaddew flus minn idejn missieru lill-Kappillan. Jekk ma kienx zbaljat l-ircevuti kienu dawk bejn l-1971 u l-1973. B`hekk missieru haseb li seta` jkecci lill-ahwa Camilleri mill-ghalqa li min-naha taghhom ma kinux jafu b` dak li kien gara bejn missieru u l-Kappillan.

Spjega li wara xi granet, missieru kien ha lilu u lil Nicholas ghand l-ahwa Camilleri fejn kien qalilhom li issa l-Kappillan kien rega` tah bi qbiela l-ghalqa u kellhom johorgu minn hemm. Dak il-hin gew fl-idejn. Insistew li missieru ma kellux x` jaqsam ma` l-ghalqa u li ma kellux jersaq aktar `l hemm.

Xehed li kien hemm okkazjoni ohra fejn missieru kien talbu sabiex iwasslu l-ghalqa bit-trakk tieghu. Mar ukoll Nicholas maghhom. Missieru kien habbat fuq il-bieb tar-razzett u meta ma fetah hadd, qabad jghajjat biex dawn johorgu minn hemm. Il-bieb infetah u hargu l-ahwa Camilleri u nies ohra li bdew iwaddbulhom il-gebel. Huwa spicca ferut.

Kompla jghid li missieru ghamel kawza kontra l-ahwa Camilleri quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba` biex jizgombra lill-ahwa Camilleri fuq il-bazi li dawn bnew kmamar fil-parti mill-ghalqa li kienet baqghet barriera. B`decizjoni tal-31 ta` Ottubru 1975, il-Bord cahad it-talba.

Qal illi wara dik is-sentenza, missieru ma riedx jirrikonoxxi lill-ahwa Camilleri tant li dawn kienu kostretti jaghmlu kawza fejn talbu li missieru jigi kkundannat jirrilaxxa ricevuta korretta tal-qbiela li huma kienu qed ihallsu ghall-ghalqa kollha ghas-sena 1976 imhallsa bil-quddiem. Il-kawza kienet deciza fid-9 ta` Dicembru 1977 favur l-ahwa Camilleri. Missieru appella u l-appella kien deciz kontra missieru fis-7 ta` Frar 1979.

Xehed illi fl-1976, hu u huh kienu ltaqghu mal-Kappillan li kien inkwetat ghax dan ried ibiegh l-ghalqa lil missierhom izda dan ma riedx jixtriha. Il-Kappillan kien qalilhom li kellu bzonn l-flus biex jaghmel xogholijiet fil-Kappella tad-Duluri u fil-Muzew tas-Subien. Huma talbuh il-prezz. Qalilhom li kellu jaghmel talba l-Kurja. U hekk sar. Il-Kurja baghtet lill-Perit Joseph Ellul Vincenti li ghamel stima tal-prezz u huma accettaw il-prezz. Bezghu jghidu lil

missierhom li kienu ser jixtruha ghaliex kienu jafu bil-glieda qalila li kien hemm bejn l-ahwa Camilleri u missierhom.

Stqarr illi l-kuntratt sar fl-24 ta` Settembru 1976 u ftit gimghat wara, il-Kappillan qalilhom li kien qal lil missieru li kien biegh l-ghalqa lilhom u li dan kien qabad igerger li ahjar xtrawha terzi persuni barranin. Missieru telaq minn fejn il-Kappillan bil-fastidju u missieru ghamel zmien ma jkellimhomx.

Qal illi missierhom baqa` jigbor il-qbiela minghand Camilleri u jzommha hu. Hu u huh qatt ma kellmuh dwar din il-qbiela u lanqas kellmu lil ahwa Camilleri. Missieru baqa` jiddepozita l-qorti l-qbiela kontra taghhom. Wara s-sentenza tal-appell u sakemm miet, missieru ma baqax jiddepozita l-qbiela. Dik il-qbiela baqghet ma thallsitx.

Sahaq li minkejja s-sentenza tal-qorti kienet tghid illi l-firma fuq l-iskrittura tad-9 ta` Marzu 1983 ma kinitx ta` missieru, dik l-iskrittura giet iffirmata minn missieru.

Ikkonferma li l-ghalqa nbieghet minnhom lill-ahwa Camilleri. Sakemm bieghu l-ghalqa, qatt hadd ma qatta` l-blat minn xi parti minn din l-ghalqa. Kienu biss dawk li xtraw l-ghalqa minghand l-ahwa Camilleri, li bdew iqattghu l-blat wara li hammlu l-hamrija u t-terrapien antik. Spjega li wara s-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell tas-7 ta` Frar 1979, hadd minn huthom jew mill-genituri taghhom ma offra xi hlas ta` qbiela jew iddepozita din il-qbiela l-Qorti.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, sostna li lil missieru qatt ma rah jqatta` l-blat. Spjega li missieru gieli semma li kien qatta` l-blat ma` hutu meta l-ghalqa kienet imqabbla ghand in-nannu. Huwa kkonferma li l-ghalqa li llum hija barriera hija dik li tidher fir-ritratti ezebiti bhala Dok A1 u A2. Spjega b` referenza ghal Dok A1, li l-barriera mhux imqatta` fl-istess post fis-sens li fil-parti fejn hu lixx, hija mqatta` bl-ingenji u fil-parti ta` fuq hija mqatta` bil-baqqun. Spjega li hemm linja li tiddistingwi bejn fejn tqatta` bl-ingenji u fejn bil-baqqun. Spjega li mil-linja `l fuq zgur tqatta` bil-baqqun u fejn hu lixx inqata` bl-ingenji. Spjega li ma jafx jekk missieru kienx qatta` l-blat bil-baqqun . Qal li l-blat jispicca meta kienu ghamluh ghelieqi. In-nannu kien ghamlu ghelieqi u infatti kien witta r-raba` u halla barriera wahda.

Xehed illi missieru ceda l-qbiela li kellu lil Camilleri meta l-barriera kienet ghelieqi. Muri r-ritratt A3 , spjega li dan jidher l-appogg bejn il-hofra ta` missieru u l-ghalqa ta` Spiteri. Spjega li meta Toni Spiteri kisser certu gholdi, l-hajt kien gie perikolu u gie deciz li l-hajt jitkisser minn hemm. Spjega li l-ftehim kien sar id-dar bejn missieru u Spiteri. Ir-ritratt A4 juri l-hofra fl-ghalqa ta`

missieru. Huwa sostna li huwa dejjem hekk jafu u ma jafx min qattghu. Spjega li huwa dejjem jiftakru hofra fejn hemm il-haxix. Spjega li n-nies imbaghad kienu bdew jitfghu z-zibel hemmhekk. Huwa sostna li meta missieru ceda r-raba` lil Camilleri, ried ifisser li missieru nqala` mix-xena u halla lil kappillan jinnegozzja ftehim ma` Camilleri. Spjega li l-ftehim kien li missieru jigbor il-kera minghand Camilleri u jaghtihom lill-kappillan ghan-nom taghhom.

Spjega li meta missieru kien ra lil Toni Spiteri niezel aktar `l isfel fit-tqattigh u sab blat tajjeb huwa thajjar jerga` jiehu din l-ghalqa u jkecci lill-ahwa Camilleri minn hemm. Huwa sostna li ma jiftakarx ezatt liema kienu l-ircevuti li tqattghu mill-kappillan u minn missieru. Sostna li missieru kien insista mal-kappillan li jaghtih l-ghalqa bi qbiela oghla. Mistoqsi kif missieru qatt ma xtara din ir-raba`, Cutajar sostna li missieru qatt ma ried jixtriha. Spjega li missieru rrabbja meta xtrawha ghax haseb li kienet xi prezz gholi hafna. Huwa cahad li lil missieru ma qalulux li kienu xtraw din ir-raba` ghaliex kien ried jixtriha huwa.

Cahad li kien hu u huh li avvicinaw lill-kappillan biex jixtru din ir-raba`. Mistoqsi kif din l-okkazzjoni tat-tqattigh ta` rcevuti u tal-bzonn tal-kappillan li jbiegh l-ghalqa minhabba bzonnijiet finanzjarji fegget biss ghall-ewwel darba f` din il-kawza, huwa sostna li issa kien hinu li jaghti din ix-xhieda. Sostna li l-ahwa Camilleri bdew ihallsu lilu u lil huh Nicholas wara li miet missieru. Insista li missieru dejjem zamm il-flus tal-qbiela ghalih. Cahad li missieru qatt offrilhom qbiela . Mistoqsi x` suppost ceda missieru lilu u lil huh Nicholas permezz tal-iskrittura ta` Marzu 1983, huwa sostna li din saret ghaliex il-flus li kien gabar minghand Camilleri kien zammhom hu. Huwa ma jiftakarx jekk kienx hemm xi kamra msejha "guva" fil-qiegh tar-rampa li missieru kien izomm l-ghodda fiha. Sostna li l-ircevuti tqattghu fis-sena 1976.

**Il-konvenut Nicholas sive Nikola Cutajar** ikkonferma d-deposizzjoni ta` Saviour Cutajar.

## III. L-eccezzjonijiet decizi sal-lum

Fis-sentenza tal-15 ta` Dicembru 2015, il-Qorti ta` l-Appell ikkonfermat dik il-parti tas-sentenza ta` din il-Qorti tal-15 ta` Mejju 2014 safejn : 1) cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Emanuel bin John Camilleri u Emanuel bin Joseph Camilleri ; 2) cahdet ir-raba` eccezzjoni tal-istess konvenuti Emanuel bin John Camilleri u Emanuel bin Joseph Camilleri ; 3) cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Lawrence Camilleri (dwar il-preskrizzjoni akkwizittiva) ; u 4) cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Nicholas u Saviour ahwa Cutajar.

Fl-istess sentenza, il-Qorti ta` l-Appell : 5) cahdet is-sitt eccezzjoni tal-konvenuti Emanuel bin John Camilleri u Emanuel bin Joseph Camilleri ; 6) cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Innocent Camilleri ; 7) cahdet it-tieni eccezzjoni ta` Lawrence Camilleri ; 8) astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba` eccezzjoni tal-konvenuti Nicholas u Saviour ahwa Cutajar ; u 9) cahdet il-hames eccezzjoni tal-konvenuti Nicholas u Saviour ahwa Cutajar.

## IV. <u>It-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Nicholas u Saviour ahwa Cutajar</u>

Kien eccepit illi l-gudizzju mhuwiex integru peress li l-Beneficcju Parrokkjali ossija Prebenda tal-Kappillan *pro tempore* ta` Birzebbugia ghandu jissejjah fil-kawza sabiex iwiegeb ghall-pretensjonijiet attrici.

**Din il-Qorti tqis din l-eccezzjoni bhala infondata peress li t-talbiet ta` l-atturi huma relatati ma` kwistjonijiet li sehhu wara l-mewt ta` Peter Cutajar.**

Infatti kemm l-ewwel u kif ukoll it-tieni talba jirreferu ghall-mument tal-mewt ta` Peter Cutajar li sehhet fit-18 ta` Marzu 1987.

It-tielet talba ossija dik relatata mad-danni hija wkoll relatata ma` allegati danni li sehhew wara l-mewt ta` Pietru Cutajar.

Is-sitt talba imbaghad hija konsegwenzjali ma` l-ewwel u t-tieni talba.

Fiz-zmien tal-mewt ta` Peter Cutajar, is-sid tal-ghalqa in kwistjoni ma kienx l-Beneficcju Parrokkjali. Ghalhekk il-Qorti ma tarax li ghandu jkun parti fil-kawza.

## V. <u>It-talbiet</u>

**Il-Qorti sejra tghaddi biex tqis dak li ghad fadal x`jigi deciz mill-ewwel u mit-tieni talbiet in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-15 ta` Dicembru 2015.**

**Imbaghad tghaddi biex tqis it-tielet u s-sitt talbiet attrici.**

## VI. L-ewwel talba

Permezz ta` l-ewwel talba, l-atturi talbu dikjarazzjoni u decizjoni illi meta Peter Cutajar miet fit-18 ta` Marzu 1987 l-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Mentna" jew "Ta` Kappella" fil-kontrada "Tal-Mentna" jew "Tas-Sejba" fil-limiti ta` l-Imqabba tal-kejl superficjali ta` cirka hamest itmien u tlett sighan kienet tappartjeni lill-konvenuti uliedu Nicholas u Saviour ahwa Cutajar u li l-istess ghalqa kienet f`idejn Peter Cutajar b`titolu ta` kera bid-dritt li jqatta` l-gebel minnha u juzaha bhala barriera (kif fil-fatt kien jaghmel fil-bidu), jordom fejn ikun qatta` u juzaha ghal skopijiet agrikolu jekk ikun irid, kif ukoll kellu d-dritt li jissulloka l-istess ghalqa kif fil-fatt kienet issullokata in parti minnu dakinhar tal-mewt tieghu ghal skopijiet agrikoli biss lill-konvenuti Innocent u Lawrence ahwa Camilleri.

Fis-sentenza taghha tal-15 ta` Mejju 2014, din il-Qorti osservat illi bl-ewwel talba, l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni mill-Qorti dwar erba` kwistjonijiet :-

a) illi meta miet Peter Cutajar l-ghalqa in kwistjoni kienet propjeta` tal-konvenuti Nicholas u Saviour Cutajar ;

b) illi Peter Cutajar kien jiddetjeni l-ghalqa in kwistjoni b`titolu ta` kera bid-dritt li jqatta` l-gebel minnha u juzaha bhala barriera ;

c) illi kif kellu dritt illi jaghmel, Peter Cutajar issulloka parti mill-ghalqa lill-konvenuti Innocent u Lawrence Camilleri.

d) illi din is-sullokazzjoni kienet ghal skopijiet agrikoli biss.

Bis-sentenza taghha tal-15 ta` Dicembru 2015, il-Qorti tal-Appell iddikjarat u ddecidiet illi meta miet Peter Cutajar fit-18 ta` Marzu 1987 l-ghalqa maghrufa bhala "tal-Mentna" jew "tal-Kappella" fil-limiti ta` l-Imqabba kienet (i) tappartejni lill-uliedu Nicholas u Saviour ahwa Cutajar u (ii) kienet ghadha mikrija lil Peter Cutajar bil-konsegwenza li l-atturi u l-konvenuti ahwa Cutajar bhala successuri ta` Peter Cutajar kellha dik l-ghalqa b`titolu ta` kera minghand is-sidien taghha.

Tajjeb jinghad illi fis-sentenza taghha tal-15 ta` Mejju 2014 din il-Qorti esprimiet ruhha meta qalet illi :

*Din il-Qorti hija tal-fehma konsiderata illi kull ma kien kiseb b` lokazzjoni mill-Parrocca ta` Birzebbugia, Peter Cutajar – ghal ragunijiet tieghu – ghaddieh b`sullokazzjoni lill-konvenuti ahwa Camilleri. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (supra) ma thalli l-ebda dubju dwar dan. Mhuwiex il-kompitu ta`*

*din il-Qorti li tistharreg ir-raguni ghala Peter Cutajar iddecieda li jaghmel hekk.*

Ghalkemm din il-Qorti ppronunzjat ruhha fis-sens illi Pietru Cutajar ma kienx fadallu drittijiet fuq l-ghalqa in kwistjoni fil-mument tal-mewt tieghu, il-Qorti ta` l-Appell iddecidiet illi fil-kuntest ta` sullokazzjoni, min jissulloka necessarjament ikun fadallu xi drittijiet naxxenti mil-lokazzjoni u ghalhekk, Pietru Cutajar kien fadallu xi drittijiet mir-relazzjoni ta` inkwilin u sullokatur. Dak li ddisputat il-Qorti ta` l-Appell kien biss l-konkluzjoni ta` din il-Qorti li ghax Peter Cutajar "issulloka" d-drittijiet tal-kirja, ma kellu xejn x`jghaddi lis-successuri tieghu.

**Dan premess, din il-Qorti tghid illi l-ewwel kwistjoni li ghandha tiddetermina hija x`tip ta` drittijiet kellu Peter Cutajar fir-rigward ta` l-ghalqa peress li fl-ewwel talba, qed tintalab dikjarazzjoni illi Peter Cutajar kellu l-ghalqa b`titolu ta` kera bid-dritt ta` tqattiegh tal-gebel u uzu bhala barriera, dritt ta` rdim u koltivazzjoni agrikola, u dritt ta` sullokazzjoni ghal skopijiet agrikoli.**

**a) <u>L-allegat dritt ta` tqattigh ta` blat</u>**

L-atturi jinsistu hafna li Pietru Cutajar kellu dritt ta` tqattigh ta` blat u li dak id-dritt qatt ma kien issullokat lill-konvenuti Innocent u Lawrence Camilleri.

Din il-Qorti sejra taghti piz lill-provi dokumentarji : kuntratti, ricevuti tal-kera, u decizjonijiet ta` dawn il-qrati fi kwistjonijiet bejn uhud mill-kontendenti.

Din il-Qorti ma tarax li tista` sserrah mohha fuq dak li qalu x-xhieda, peress li l-verzjonijiet huma ferm konfliggenti u kontradittorji.

Minn evalwazzjoni tal-kuntratti, jidher li kien biss il-kuntratt tat-28 ta` Jannar 1956 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vella Galea (fol 128 et seq) li sar bejn il-Kappillan tal-Parrocca ta` Birzebbuga ir-Reverendu Dun Giuseppe Minuti u Pietro Cutajar. Il-kuntratti li pprecedew dak il-kuntratt kienu saru ma` Giuseppe Cutajar li jigi missier Pietro Cutajar u l-kontenut ta` dawn gie superat bil-ftehim il-gdid li sar fit-28 ta` Jannar 1956.

Fil-kuntratt tat-28 ta` Jannar 1956, Pietro Cutajar inghata dritt ta` qbiela ta` l-ghalqa in kwistjoni ghal zmien ta` tmien snin li bdew jghaddu mill-festa ta` Santa Marija tal-1955, versu l-hlas ta` kera ta` 14-il lira kull sena pagabbli kull

sitt xhur bil-quddiem u bil-patt li *"fejn hu mkisser f` dina l-imsemmija ghalqa, il-komparenti Pietro Cutajar ghandu jwiettieh biex ikun jista` jinhadem, b` ecezzjoni biss ta` l-ahhar barriera li ma ghandiex titwitta."*

Jirrizulta li d-dritt moghti lil Pietru Cutajar kien ta` qbiela u hlief ghall-ahhar barriera, li ma kellhiex titwitta, Pietru Cutajar intrabat li fejn huwa mkisser fl-ghalqa, kellu jwittih biex ikun jista` jinhadem.

Ghalhekk minn dan il-kuntratt jemergi b`mod evidenti illi ma kienx moghti lil Pietru Cutajar ebda dritt sabiex iqatta` l-blat mill-ghalqa de qua. Ir-ricevuti li hargu in segwitu ghal dan il-kuntratt ezebiti a fol 114 sa 124 kollha juru li kienet qed tithallas qbiela ta`14-il lira fir-rigward ta` l-ghalqa.

Jirrizulta li sussegwentement ghal din il-koncessjoni ta` qbiela, saret dikjarazzjoni fis-7 ta` Jannar 1972 ezebita a fol 125 fejn intqal hekk :

*Jiena hawn taht iffirmat niddikjara li mill-lum il-quddiem qieghed ngholli bil-kunsens ta` Pietru Cutajar il-qbiela tal-ghalqa `Tal-Kappella` bhala barriera ghall-blat minn erbatax-il lira (L 14) ghall-hamsa u ghoxrin lira (L 25) fis-sena.*

In segwitu ghal din id-dikjarazzjoni, fl-istess gurnata tas-7 ta` Jannar 1972, harget ricevuta (fol 125) li fiha giet imnizzla l-kera l-gdida ta` L 25 u beda jinkiteb "*ghalqa-barriera tal-blat*" minflok "*ghalqa*" biss. Dawn l-ircevuti waqfu fit-3 ta` Jannar 1976 hekk kif jirrizulta mill-ircevuta ezebita a fol 127.

Sussegwentement, permezz ta` ittra tad-9 ta` Marzu 1973 ezebita a fol 132 Dun Giuseppe Minuti, li dak iz-zmien kien il-Kappillan tal-Parrocca ta` B`Bugia li kienet is-sid ta` l-art in kwistjoni, ddikjara illi *"... bid-data tas-7 ta` Jannar 1972 jiena qabbilt din l-ghalqa bhala barriera ghall-blat lill-istess Pietru Cutajar bil-prezz ta` L 25 fis-sena."*

Abbazi ta` dawn il-fatti, sar l-argument mill-atturi li b`zieda mal-kera ta` L 14 pattwit bhala kera annwali skont il-kuntratt tat-28 ta` Jannar 1956, kien hemm ftehim ghal hlas addizzjonali ta` L 11 ghall-blat li kellu jitqatta`.

Da parti taghhom, uhud mill-konvenuti, b`mod partikolari l-ahwa Camilleri, sostnew li din l-ittra ma tista` qatt tkun prova sufficjenti li kien hemm ftehim vinkolanti dwar it-tqattigh ta` blat. Huma qaghdu fuq dak deciz fis-sentenza tal-Bord tal-Kera tal-31 ta` Ottubru 1975 u s-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) tas-7 ta` Frar 1979 fejn kien ikkonfermat illi l-art kollha

inkluz il-fondoq, kien imqabbel lill-ahwa Camilleri. Konsegwentement, Pietru Cutajar ma kellux dritt li jqatta` l-blat mill-barriera ladarba huwa kien issulloka l-art kollha.

Ghalkemm is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) taghmel stat, kif diga` kellha okkazjoni tghid din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-15 ta` Mejju 2014, ghalkemm kull dritt li kellu Peter Cutajar fir-rigward tal-art in kwistjoni kien issullokah lill-konvenuti ahwa Camilleri, jibqa` l-fatt illi Pietru Cutajar kien issulloka lill-ahwa Camilleri fiz-zmien meta kien ser jiskadi l-kuntratt ta` qbiela tat-28 ta` Jannar 1956. Abbazi tax-xiehda, jidher li hemm qbil li s-sullokazzjoni favur l-ahwa Innocent u Lawrence Camilleri saret fis-sittinijiet u ghalhekk qabel saret il-koncessjoni ta` dritt ta` qtugh ta` blat.

Konsegwentement, ghalkemm fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) jinghad kjarament li kienet l-ghalqa kollha inkluz l-fondoq li nkera lill-ahwa Camilleri, id-dritt li jinqata` blat ma seta` qatt ighaddi lill-ahwa Camilleri minn Pietru Cutajar, peress li sa dak il-punt taz-zmien, Pietru Cutajar ma kellux id-dritt li jqatta` l-blat. Dak id-dritt jidher li nghata lilu fl-1972 u zgur mhux fiz-zmien li kien issulloka lill-ahwa Innocent u Lawrence Camilleri.

Din il-Qorti taghmel car illi din il-konsiderazzjoni taghha b`ebda mod ma qeghda tmur dak li kien deciz bis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) tas-7 ta` Frar 1979 peress li dak li jinghad minn din il-Qorti huwa li effettivament l-ahwa Camilleri kellhom il-pussess materjali u effettiv tal-ghalqa kollha inkluz il-fondoq izda kellhom biss id-dritt li jutilizzaw l-istess ghal skopijiet agrikoli u mhux biex iqattghu l-blat. Dak id-dritt ma kienx ghadu ezistenti ghand l-inkwilin li ssulloka u ghalhekk ma setax ikun li gie mghoddi lilhom f` dak l-istadju.

Fl-isfond ta` dawn il-fatti, jidher hekk iktar car u logiku ghalfejn wara li kellu dan id-dritt ta` qtugh ta` blat moghti lilu, Pietru Cutajar ittenta jipprova jkecci lill-ahwa Camilleri mill-ghalqa. Pietru Cutajar kellu f`mohhu li jqatta` l-blat izda biex jaghmel dan, kien jaf li huwa kien issulloka l-art kollha lil Innocent u Lawrence Camilleri, u li ghalhekk ma setax jezercita dak id-dritt ta` qtugh ta` blat bihom ma` saqajh u bil-kmamar li dawn kienu bnew fil-parti li kienet ser tigi utilizzata bhala barriera.

Kien b`dan l-isfond li saret il-kawza quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba` fl-ismijiet *Pietro Cutajar vs Vincenzo u Lorenzo Camilleri*, liema decizjoni moghtija fil-31 ta` Ottubru 1975 cahdet it-talba ta` Pietro Cutajar ghar-ripreza tal-pussess tal-ghalqa in kwistjoni.

Jaghmel ukoll hafna sens li meta l-ahwa Camilleri raw li Pietro Cutajar kien baqa` jinsisti li huwa ghandu drittijiet fuq parti minn din ir-raba` tant li ma kinux qed jinhargu rcevuti tal-hlas tal-kera fuq l-art kollha, ipprocedew bil-kawza fl-ismijiet *Vincenzo Camilleri et vs Pietru Cutajar* li giet finalment deciza fis-7 ta` Frar 1979 fejn ikkonfermat li l-art kollha, inkluz il-blat u l-fondoq, kienu mqabblin lill-ahwa Camilleri. Dak izda li ma kienx imqabbel lill-ahwa Camilleri kien id-dritt ta` tqattigh ta` blat. L-art inghatat lilhom minn inkwilin li kellu dritt li jahdem l-ghalqa u mhux fi zmien li seta` jqatta` l-blat.

Kjarifikat dan il-punt, tinsorgi l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet dwar jekk id-dritt ta` qtugh ta` blat ghandux jitqies bhala dritt lokatizju jew bejgh ta` mobbli li ma jirrikjedi l-ebda formalita`.

L-atturi biddlu r-ragonament taghhom dwar dan il-punt.

Infatti precedentement ghas-sentenza ta` din il-Qorti tal-15 ta` Mejju 2014, fl-ewwel nota ta` sottomissjonijiet, huma nsistew hafna illi Peter Cutajar issulloka biss parti mill-ghalqa lill-ahwa Camilleri ghal skopijiet agrikoli u li zamm ghalih d-dritt tat-tqattiegh tal-blat tant li sostnew illi Peter Cutajar kien jinkariga lil terzi li wara rrizulta li kien Toni Spiteri mlaqqam "*il-papocca*" biex jaqta` l-blat minn hemm, ghalkemm tali provi kienu rigettati mill-konvenuti mill-ahwa Camilleri u mill-konvenuti ahwa Cutajar. Ghalhekk insistew li dan id-dritt ta` tqattigh ta` blat ghandu jigi meqjus bhala dritt lokatizju u b` hekk kien jigi mgedded skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 199.

Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Dicembru 2015, u precizament fit-tieni nota ta` sottomissjonijiet taghhom, kif ukoll fit-trattazzjoni orali taghhom, l-atturi biddlu l-posizzjoni taghhom billi sostnew li d-dritt ta` tqattiegh mhuwiex affini mal-kuntratt ta` lokazzjoni. L-atturi b`reazzjoni ghall-gurisprudenza li kien hemm fl-ewwel nota ta` sottomissjonijiet tal-ahwa Innocent u Lawrence Camilleri, ghamlu ampja referenza ghall-gurisprudenza fuq dan il-punt, fejn issemma li d-dritt ta` tqattiegh ta` gebel ma jammontax ghal ftehim ta` kera izda ghal ftehim ta` bejgh.

F`dak is-sens kienet id-decizjoni ndikata fin-nota ta` sottomissjonijiet ta` l-atturi fl-ismijiet "**Bertu Bonnici vs Pawlu Cilia et**" deciza mill-Qorti ta` l-Appell Kummercjali fis-6 ta` April 1993. Sentenza ohra f`dan ir-rigward kienet dik moghtija mill-Qorti ta` l-Appell Superjuri fil-5 ta` Frar 1904 fl-ismijiet "**Nicola Zammit vs Dr S Costantino Magri**" fejn inghad illi "*la concessione di scavare pietre da una clausura non costituisce una locazione della medesima, ma una vendita delle pietre da estrarsi, malgrado che le parti abbiano dato al contratto il-nome di locazione.*" Sentenzi ohra kienu dawk moghtija mill-Qorti ta` l-Apell fit-12 ta` Frar 1932 fl-ismijiet **"Catania vs Bezzina**" u fil-11 ta` Frar

1903 fl-ismijiet "**Catania vs Cauchi**".

L-atturi ghamlu referenza ghad-decizjoni **"Bartmik ta` l-Iklin Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Interni**" moghtija mit-Tribunal ta` Revizjoni Amministrattiva fis-7 ta` Jannar 2014 fejn intqal illi l-koncessjoni tad-dritt li wiehed jiftah u jqatta` barriera huwa kuntratt ta` bejgh ta` blat jew gebel u saret riferenza *inter alia* ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet "**Briffa vs Schembri**" riportata fil-Kollez Vol XXX PII pag 76. F`din is-sentenza intqal illi l-ghoti ta` ghalqa ghal skop ta` barriera, anki in korrispettiv ta` qbiela, mhix lokazzjoni, imma bejgh tal-gebel li jinsab fl-istess barriera : "*la concessione di scavare pietra da una clausura non costituisce una locazione delle medesime ma una vendita della pietra da estrarre, malgrado le parti abbiano dato al contratto il nome di locazione.*"

L-atturi jiccitaw ukoll awturi maghrufa (Laurent u Baudry Lacantinerie) li waslu ghall-konkluzjoni illi d-dritt ta` tqattiegh ta` blat jikkostitwixxi bejgh ghax qiesu li huwa aspett predominanti ta` l-istitut tal-lokazzjoni illi l-inkwilin mat-tmiem tal-kirja jrodd lura l-oggett mikri lilu fl-istat li fih kien jinsab fil-waqt tal-bidu.

L-atturi mbaghad jaghmlu l-argument illi d-dritt ta` tqattiegh ma kienx qieghed jigi prorogat u mgedded indefinittivament ai termini tal-Kap 199 peress li fin-natura tieghu ftehim ta` dik ix-xorta kien jikkostitwixxi bejgh. Sostnew li l-bejgh isir perfett hekk kif il-partijiet kontraenti jesternaw il-kunsens taghhom dwar l-oggett u dwar il-prezz u li ma kien jinhtieg l-ebda formalita` ladarba l-oggett miftiehem kienu *mobili per anticipazione*. Ghalhekk l-atturi sostnew li mal-mument illi Pietru Cutajar u l-Kappillan Minuti ftehmu dwar it-tqattigh tal-blat, Pietru Cutajar akkwista l-blat ta` l-art in kwistjoni. Kwindi d-dritt tat-tqattiegh ta` blat koncess lil Pietru Cutajar kien titolu li seta` jinghata lilu mis-sid, u li baqa` vestit f` Pietru Cutajar meta miet.

Din il-Qorti tqis illi d-dritt ta` tqattigh tal-blat huwa kuntratt *sui generis* u m`ghandux jitqies daqslikieku kuntratt ta` bejgh ta` mobbli, kif qeghdin jikkontendu l-atturi. Madanakollu lanqas ma tikkondividi dak li nghad fis-sentenza "**Nicola Zammit vs Dr S Costantino Magri**" fuq riferita fejn sempliciment intqal minghajr l-ebda motivazzjoni u argumentazzjoni li *in sifatti contratti la durata non e` elemento sostanziale del contratto, il cui oggetto principale e` l` estrazione della pietra fino al suo esaurimento.*

Tesprimi ruhha hekk.

Il-ftehim tal-1972 bejn il-Kappillan Minuti u Peter Cutajar ma kienx

ftehim ta` bejgh *ad infinitum* u li kien hemm dritt *ad infinitum* sakemm jigi ezawrit l-gebel mill-barriera. Ma` kull pagament ta` L 11 li kien isir, kien qed isir bejgh gdid ta` gebel li kellu jitqatta`. Dan qed jinghad peress li skont l-Art 1347 tal-Kap 16,, bejgh huwa perfett bejn il-partijiet malli jaqblu dwar il-haga u dwar il-prezz. Hekk kien ikkonfermat fil-gurisprudenza : Qorti tal-Kummerc - "**Giovanni Pace vs Michele Balbi**" - 30 ta` April 1907 ; Qorti tal-Appell Kummercjali – "**Edgar Staines noe vs Stefano Bisazza**" - 10 ta` Jannar 1944 ; Prim`Awla tal-Qorti Civili – "**Edgar Soler noe et vs Onor Beltram Camilleri et**" - 18 ta`Marzu 1950 u "**Cranes & Commercial Sales Ltd vs Lawrence Micallef**" -_17 ta` Novembru 2003 ; u Qorti tal-Appell Inferjuri – "**Mario Testa vs Alfred Theuma et**" - 12 ta` Mejju 2003.

Madanakollu, fil-ftehim ta` bejn il-Kappillan Minuti u Peter Cutajar kien miftiehem li l-prezz tal-gebel ghal skadenza partikolari ossija ta` sena tkun ta` L 11. Ma jistax jigi accettat li, skont kif qed jghidu l-atturi, mal-mument li sar il-ftehim ta` Jannar 1972, sar il-bejgh tal-gebel kollu li kien hemm u li l-hlas ta` L 11 fis-sena kien metodu ta` kif kellu jithallas il-prezz miftiehem. Din il-Qorti ma tarax li jregi l-argument ta` l-atturi illi l-bejgh tal-gebel kollu li seta` jitqatta` mill-barriera kien perfett fl-1972 malli kien miftiehem id-dritt ta` qtugh ta` blat u ta` prezz ta` L 11 fis-sena. Il-bejgh li kien perfett bejn il-partijiet kien illi fis-sena 1972 kien mibjugh dak il-gebel li kien tqatta` matul dik is-sena ghall-prezz ta` L 11.

Huwa difficli ghal din il-Qorti li taccetta l-argument ta` l-atturi bhala validu peress li ma taqbilx li sar ftehim ta` prezz li kien validu ghall-gebel kollu li seta` jigi skavat fil-blat sakemm jigi ezawrit. L-uniku prezz li kien miftiehem kien tal-gebel li kien ser jitqatta` f`dik l-iskadenza. Altrimenti jekk tassew kellu jigi meqjus li kien miftiehem prezz li dwaru l-bejgh tal-gebel/blat kollu kellu jinxtara, kellha ta` l-inqas tingieb prova li sar ftehim dwar fi kemm snin kellha tithallas dik l-L 11 halli b` hekk jigi kkalkolat il-prezz li bih kien ser jinbiegh il-gebel kollu li seta` jigi mqatta`. Skont l-Art 1353(1) tal-Kap 16, il-prezz ghandu jigi stabbilit u specifikat mill-partijiet. Fil-kaz tal-lum, dak li gie stabbilit u specifikat kien li l-blat/gebel kien ser jiswa` L 11 fis-sena. Ghalhekk, il-bejgh semmai kien perfett ghal dik is-sena biss. Ma nghatat l-ebda indikazzjoni fi kemm snin kien ser jithallas il-gebel li kien ser jitqatta` sakemm jigi ezawrit u ghalhekk ma jistax jinghad li kien hemm bejgh tal-gebel kollu li seta` jitqatta`.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li ma` kull skadenza ta` sena, kien qed jerga` jsehh bejgh gdid ossija negozju gdid ta` bejgh ta` gebel/blat ghas-sena ta` wara. Il-bejgh verament kien qed ikun perfett izda dan kien qed isir minn sena ghal sena. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma` l-argument li fil-mument li saret id-dikjarazzjoni fl-1972, kien ifisser li sar il-bejgh tal-gebel kollu li seta` jinqata` mill-barriera, izda li sehh **biss** kien bejgh perfett ta` gebel li seta` jinqata` ghas-sena 1972.

Li inghad fi "**<u>Briffa et vs Schembri et</u>**" fuq kwotata kien illi l-ghoti ta` ghalqa ghal qtugh ta` gebel jammonta ghal bejgh tal-gebel li jinqata` minnha. Din il-Qorti tqis li kull darba li kien imiss li jithallas il-qbiela ghall-ghalqa in kwistjoni, kien jerga` jsir ftehim dwar id-dritt ta` tqattigh ta` gebel ghal dik iz-zmien li kienet gejja, u jekk kien hemm ftehim dwar dan minn entrambi s-sid u l-inkwilin, kien jerga` jinxtara d-dritt li jinqata` l-gebel sa l-iskadenza li jmiss sena wara.

Dan huwa kkorraborat mill-fatt li fil-kuntratt tal-24 ta` Settembru 1976 il-konvenuti Nicholas u Saviour Cutajar xtraw minghand il-Beneficcju Parrokkjali ossija Prebenda ta` Birzebbuga l-ghalqa de quo bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha u bhala libera u franka. Fil-kuntratt, ma ssemma l-ebda dritt ta` tqattigh ta` gebel li allegatament Pietru Cutajar kellu. Dan kien piz li semmai kellu jigi dikjarat fil-kuntratt izda fil-fehma ta` din il-Qorti, dan il-piz ma ssemmiex peress li s-sid precedenti halla imbaghad f` dejn is-sidien il-godda biex jiddeciedu jekk jidhlux fi ftehim ma` l-inkwilin dwar bejgh ta` aktar gebel.

L-ahhar ricevuta hija datata 3 ta` Jannar 1976 u din kienet l-ahhar darba li Pietru Cutajar xtara l-blat bil-quddiem. Jigi puntwalizzat illi fir-ricevuti kien hemm imnizzel car li l-hekk imsejha qbiela kienet taghlaq fil-15 ta` Awissu ta` kull sena. Ghalhekk, ftit xhur wara, fl-24 ta` Settembru 1976 il-Kappillan biegh l-art lil Nicholas u Saviour ahwa Cutajar. Pietru Cutajar kien ihallas L 11.00 fis-sena bil-quddiem bhala korrispettiv ghall-gebel li kien ser jitqatta` f` dik is-sena. Izda l-hlas waqaf bl-ahhar rcevuta ezebita. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-hlas waqaf bl-ahhar rccevuta li tkopri l-perijodu sa Awissu 1976 (jekk kellu jigi meqjus li gie miktub li l-qbiela kienet tiskadi f` Santa Marija) jew fil-bidu ta` Jannar 1977 (jekk kellu jigi meqjus li s-sena kellha tibda tghodd minn meta saret id-dikjarazzjoni fiz-zieda ta` L 11 mal-qbiela liema dikjarazzjoni sehhet f` Jannar 1972). Wara dik id-data, ma gewx ezebiti latti jew dokumenti li juru li Pietru Cutajar ghamel xi hlas iehor. Jista` jkun li dan sehh ghaliex Cutajar ma riedx jixtri aktar blat jew ghax is-sid tal-ghalqa/barrier ghazel li ma jbieghx aktar blat. Dan jaqbel mal-fatt li mbaghad madwar xahar jew xahar u nofs wara li l-art inbieghet lil Nicholas u Saviour ahwa Cutajar minghajr l-icken indikazzjoni li kien hemm xi dritt ta` tqattigh ta` blat. Infatti, kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-15 ta` Mejju 2014, :-

*"Jigi rilevat li jekk is-sid originali tal-ghalqa u cioe` l-Kappillan tal-Parrocca ta` Birzebbuga kien tassew ta lil Peter Cutajar id-dritt li jqatta` l-gebel mill-ghalqa, ma hemm l-ebda riferenza ghal dan fil-kuntratt tal-1991. Id-dritt pretiz mill-atturi bhala li kien ta` Peter Cutajar mhux jirrizulta mill-kuntratti".*

Per konsegwenza, din il-Qorti hija tal-fehma li wara l-iskadenza tat-terminu regolat bl-ahhar ricevuta, ir-relazzjoni ta` bejn is-sid ta` l-art u l-

inkwilin Peter Cutajar baqghet tigi regolata biss bil-kuntratt tat-28 ta` Jannar 1956 ossija lokazzjoni ghal skopijiet agrikoli, liema terminu seta` jibqa` mgedded bis-sahha tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghalhekk mal-mewt ta` Peter Cutajar, ma kien trasmess l-ebda dritt ta` qtugh ta` blat lill-eredi ta` Peter Cutajar. Id-dritt ta` qtugh ta` blat kien intemm mal-iskadenza tat-terminu li kien jkopri l-ahhar ircevuta maghmula fis-sena 1976. Provi ta` hlas ta` rcevuti ohra jew depoziti l-qorti ma tressqux, ghalkemm sar accenn xi xhieda li Peter Cutajar baqa` jiddepozita l-hlas il-qorti. Madanakollu li kieku kellha taccetta li verament kien qed isir depozitu fil-qorti (haga li mhijiex ser taghmel ladarba ma kenitx prezentata l-ahjar prova kif trid il-ligi) lanqas ma nghatat prova li dak li allegatament kien qed jithallas kien L 25 u mhux L 14 ai termini tal-kuntratt tat-28 ta` Jannar 1956. Din il-karenza ta` prova ma tistax tigi accettata u manipolata sabiex taghti beneficcju lill-atturi li kellhom huma l-oneru li jippruvaw li verament id-dritt ta` tqattigh tal-blat baqa` jithallas minn sena ghal sena biex b` hekk jikkonvincu lil din il-Qorti li kien baqa` jsehh bejgh tal-gebel anke wara l-ahhar rcevuta tas-sena 1976.

**b) <u>L-allegat dritt ta` sullokazzjoni ghal skopijiet agrikoli</u>**

Id-dritt ta` Pietru Cutajar li jissulloka jirrizulta mill-klawsola 6 tal-kuntratt ta` lokazzjoni tat-28 ta` Jannar 1956. Madanakollu, kif kien osservat aktar kmieni, dak li seta` jigi sullokat seta` jsehh biss fir-rigward ta` dak li kien qed jigi lokat, ossija kirja agrikola. Kif gia` kien rilevat, fit-28 ta` Jannar 1956, l-inkwilin Peter Cutajar ma kellux drittijiet ohra apparti d-drittijiet lokatizji moghtija lilu ghal skopijiet agrikoli peress li b`dak il-kuntratt, huwa kellu jwitti fejn kien hemm imkisser u jahdem ir-raba` hlief ghal l-ahhar barriera. Bhala konsegwenza, dak li gie trasmess lill-ahwa Innocent u Lawrence Camilleri, kien ir-raba` kollu inkluz il-fondoq u l-barriera flimkien ma` l-art li kienet giet imwittija minn Peter Cutajar, dan in linea ma` dak deciz mill-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta` Frar 1979. Din is-sullokazzjoni sehhet ghal skopijiet agrikoli peress li fiz-zmien li saret is-sullokazzjoni, Peter Cutajar ma kienx ghad kellu d-dritt li jqatta` l-blat.

**c) <u>Allegat dritt ta` rdim</u>**

L-atturi jaghmlu l-argument illi d-dritt ta` Pietru Cutajar illi jordom fejn ikun qatta` u juza s-superfici l-gdid ghal skopijiet agrikoli, huwa dritt naxxenti min-natura stess tal-kirja moghtija lil Pietru Cutajar.

Isostnu l-atturi li l-alterazzjoni fl-oggett mikri, ossija fl-ghalqa, sar bil-kunsens tas-sid li dahal fi ftehim separat ma` l-inkwilin dwar dan. Imbaghad, l-

irdim u l-mili konsegwenzali ta` l-iskavar ikollha l-effett ta` ripristinar ta` l-art mikrija.

Il-Qorti tqis illi d-disposizzjonijiet rilevanti huma l-**Art 1554 u 1555 tal-Kap 16.**

**L-Art 1554** ighid :-

*Il-kerrej ghandu -*

*(a) jinqeda bil-haga mikrija bhala missier tajjeb tal- familja, u ghall-uzu miftiehem fil-kuntratt, jew, jekk ma jkunx hemm ftehim fuq dan, ghall-uzu li jista` jigi prezunt mic-cirkostanzi ;*

*(b) ihallas il-kera miftiehem, jew kif stabbilit bil-ligi.*

**L-Art 1555** ighid :-

*Jekk il-kerrej jaghmel mill-haga mikrija uzu xorta ohra minn dak li ghalih ikun miftiehem, jew prezunt skont l-artikolu precedenti, jew b`mod li bih jista` jgib hsara lil sid il-kera, sid il-kera jista`, skont ic-cirkostanzi, jitlob il-hall tal-kirja.*

Din il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-konvenuti ahwa Camilleri fis-sens li d-dritt li jordom qed jigi pretiz peress li l-barrieri saru bil-wisq imfittxija ghar-rimi ta` skart. Jemergi car li fil-kuntratt tal-1956, Peter Cutajar kellu jordom il-parti ta` l-ghalqa li dak iz-zmien kienet imqatta`. Dan id-dritt ma setax jigi estiz ghall-fondoq li kien espressament intiz li kellu jithalla bhala barriera. Ma ngabux provi li fl-art mertu ta` din il-kawza kien ghad fadal xi partijiet li ma gewx imwittija u ghalhekk mill-1965, dak li kellu jintradam, gia` kien mirdum. Il-fondoq izda ghandu jibqa` bla mittiefes u minghajr ma jigi mirdum, peress li fil-kuntratt hemm car li dak ghandu jithalla bhala barriera u ma ghandux jigi mwitti bhal partijiet l-ohra. Ghal kuntrarju, mix-xiehda rrizulta li Peter Cutajar kien witta l-art sabiex imbaghad issullokaha lill-ahwa Camilleri biex jahdmu r-raba`. Intqal minn bosta li l-art kienet tintuza bhala ghalqa u ghalhekk, kienet biss din l-ahhar barriera jew fondoq li baqghet mhux imwittija. F`dan is-sens xehdu Peter Paul Cutajar, Michelangelo Cutajar, Innocent Camilleri, Lawrence Camilleri, Maria Fiott u Saviour Cutajar.

Ghandu jinghad li anke bid-dritt li wara inghata ghal xi zmien lil Peter Cutajar biex iqatta` l-blat, dan ma jfissirx li allura huwa kellu mbaghad xi obbligu li jordom dik il-parti li tqattghet. Kienet biss koncessjoni ta` qtugh ta` blat li nghatat u mhux obbligu li imbaghad jigi mirdum fejn inqata`.

**In vista tal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti sejra tilqa` l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara u tiddeciedi illi meta Peter Cutajar miet fit-18 ta` Marzu 1987 l-ghalqa maghrufa bhala "tal-Mentna" jew "ta` Kappella" fil-kontrada "tal-Mentna" jew "tas-Sejba" fil-limiti ta` l-Imqabba tal-kejl superficjali ta` circa hamest itmien u tlett sighan fuq imsemmija kienet tappartjeni lill-konvenuti uliedu Nicholas u Saviour ahwa Cutajar u li l-istess ghalqa kienet ghand Peter Cutajar b` titolu ta` kera bid-dritt li juzaha ghal skopijiet agrikoli kif ukoll kellu id-dritt li jissulloka l-istess ghalqa kif fil-fatt issullokaha ghal skopijiet agrikoli biss lill-konvenuti Innocent u Lawrence ahwa Camilleri.**

## VII. <u>It-tieni talba</u>

Permezz tat-tieni talba, l-atturi qeghdin jitolbu li jigi dikjarat u deciz illi l-atturi u l-konvenut Nicholas u Saviour Cutajar bhala successuri ta` Peter Cutajar ghadhom jiddetjenu l-ghalqa fuq imsemmija b`titolu ta` kera minghand is-sidien taghha bid-dritt li jqattghu l-gebel minnha u juzawha bhala barriera, jordmu fejn ikunu qattghu u juzawha ghal skopijiet agrikoli jekk ikunu jridu.

Din it-talba hija konsegwenzjali ghall-ewwel talba.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-15 ta` Dicembru 2015, din it-tieni talba, bhall-ewwel talba, kienet milqugha fis-sens li kien dikjarat li l-atturi u l-konvenuti ahwa Cutajar bhala successuri ta` Peter Cutajar ghandhom l-ghalqa fuq imsemmija b` titolu ta` kera minghand is-sidien taghha, filwaqt li rriservat il-gudizzju dwar il-bqija tat-tieni talba ghal din il-Qorti.

**In vista tal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti sejra tilqa` t-talba limitatament billi tiddikjara li l-atturi u l-konvenuti Nicholas u Saviour Cutajar bhala successuri ta` Peter Cutajar ghadhom jiddetjenu l-ghalqa fuq imsemmija b` titolu ta` kera minghand is-sidien taghha biex juzawha ghal skopijiet agrikoli.**

## VIII. <u>It-tielet talba</u>

L-atturi jitolbu li jigi dikjarat u deciz illi bl-agir tal-konvenuti kollha jew min minnhom li b`rizultat ta` l-istess agir wara l-mewt ta` Pietru Cutajar tqatta` u ghadu jitqatta` l-blat u l-gebel mill-imsemmija ghalqa li giet u ghadha qieghda tigi uzata bhala barriera, l-atturi sofrew u qeghdin isofru danni.

Hekk kif inhi formulata din it-talba, ma hemmx lok li tigi milqugha peress li kif diga` nghad mal-mewt ta` Pietru Cutajar, ma kienx ghad hemm ezistenti d-dritt li jitqatta` l-blat u l-gebel mill-ghalqa de qua. Il-blat u l-gebel minn din l-ghalqa jappartjeni lis-sid ta` l-istess ghalqa li illum-il gurnata jirrizultaw li huma l-ahwa Innocent u Lawrence Camilleri, stante li anke l-uzufrutt li kkostitwew a favur tal-kugini Emanuel Camilleri bin John u Emanuel Camilleri bin Joseph illum intemm ghal kollox.

**Ghalhekk it-tielet talba sejra tigi michuda.**

**Sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti ahwa Cutajar u ta` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Innocent Camilleri, stante li mhijiex aktar mehtiega, ladarba l-mertu gie ezawrit bid-decizjoni tal-lum.**

## IX. Is-sitt talba

Kif diga` kellha okkazjoni tghid fis-sentenza taghha tal-15 ta` Mejju 2014, din it-talba hija konsegwenzjali ghall-ewwel u t-tieni talbiet, stante li hija fondata fuq il-pretensjoni li bl-agir taghhom, il-konvenuti kugini Camilleri nghataw allegatament drittijiet li kienu jappartjenu lis-successuri ta` Peter Cutajar.

**Konsegwentement, din it-talba sejra tigi wkoll michuda in vista ta` dak li gie deciz fir-rigward tat-talbiet l-ohra.**

## X. It-talbiet l-ohra

**Tenut kont li t-tielet talba qed tigi michuda, bl-istess mod din il-Qorti tara illi r-raba` u l-hames talbiet ghandhom jigu wkoll michuda peress li huma konsegwenzjali ghat-tielet talba.**

## Decide

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` t-tieni, it-tielet, il-hames u s-seba` eccezzjoni tal-konvenuti Emanuel Camilleri bin Joseph u Emanuel Camilleri bin John.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tal-hames eccezzjoni tal-konvenut Innocent Camilleri.**

**Tilqa` t-tielet u r-raba` eccezzjoni tal-konvenut Innocent Camilleri.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni ta` l-konvenut Lawrence Camilleri.**

**Tilqa` r-raba` u l-hames eccezzjonijiet ta` l-konvenut Lawrence Camilleri.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Saviour u Nicholas ahwa Cutajar.**

**Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Saviour u Nicholas ahwa Cutajar.**

**Tilqa` r-raba` u s-sitt eccezzjonijiet tal-konvenuti Saviour u Nicholas ahwa Cutajar.**

**Tilqa` l-ewwel talba attrici limitatament billi tiddikjara u tiddeciedi illi meta Peter Cutajar miet fit-18 ta` Marzu 1987 l-ghalqa maghrufa bhala "tal-Mentna" jew "ta` Kappella" fil-kontrada "tal-Mentna" jew "tas-Sejba" fil-limiti ta` l-Imqabba tal-kejl superficjali ta` circa hamest itmien u tlett sighan fuq imsemmija kienet tappartjeni lill-konvenuti uliedu Nicholas u Saviour ahwa Cutajar u li l-istess ghalqa kienet ghand Peter Cutajar b`titolu ta` kera bid-dritt li juzaha ghal skopijiet agrikoli kif ukoll kellu d-dritt li jissulloka l-istess ghalqa kif fil-fatt issullokaha ghal skopijiet agrikoli biss lill-konvenuti Innocent u Lawrence ahwa Camilleri.**

**Tilqa` t-tieni talba limitatament billi tiddikjara li l-atturi u l-konvenuti Nicholas u Saviour Cutajar bhala successuri ta` Peter Cutajar ghadhom jiddetjenu l-ghalqa fuq imsemmija b`titolu ta` kera**

**minghand is-sidien taghha biex juzawha ghal skopijiet agrikoli.**

**Tichad it-tielet u s-sitt talbiet attrici.**

**Tichad ukoll ir-raba` u l-hames talbiet attrici.**

**Bl-applikazzjoni ta` l-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**